

## IV

(Atti adottati qabel l-1 ta' Diċembru 2009 skont it-Trattat tal-KE, it-Trattat tal-UE u t-Trattat Euratom)

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 329/08/COL

tat-28 ta' Mejju 2008

dwar l-għajjnuna mogħtija lil Sementsverksmiðjan hf. (l-Islanda)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA <sup>(1)</sup>,

Billi:

### I. IL-FATTI

#### 1. IL-PROCĊEDURA

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea <sup>(2)</sup>, b'mod speċjali l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll numru 26 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Ftehim bejn l-istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja <sup>(3)</sup>, b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

WARA LI KKUNSIDRAT l-Artikolu 1(2) tal-Ewwel Parti u l-Artikoli 4(4), 6, 7(5) u 14 tat-Tieni Parti tal-Protokoll numru 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti <sup>(4)</sup>,

WARA LI KKUNSIDRAT il-Linji Gwida tal-Awtorità <sup>(5)</sup> dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE, b'mod partikolari il-Kapitolu tiegħu dwar l-Għajjnuna li tingħata għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' kumpaniji li jinsabu f'diffikultà.

WARA LI KKUNSIDRAT id-Deċiżjoni tal-Awtorità tal-14 ta' Lulju 2004 dwar id-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 27 tat-Tieni Parti tal-Protokoll numru 3 <sup>(6)</sup>,

WARA LI TALBET lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont dawk id-dispożizzjonijiet <sup>(7)</sup> u wara li kkunsidrat il-kummenti tagħhom,

<sup>(1)</sup> Minn issa 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità".

<sup>(2)</sup> Minn issa 'il quddiem imsejħa "il-Ftehim taż-ŻEE".

<sup>(3)</sup> Minn issa 'il quddiem imsejħa "il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti".

<sup>(4)</sup> Minn issa 'il quddiem imsejħa "il-Protokoll numru 3".

<sup>(5)</sup> Linji Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim taż-ŻEE u tal-Artikolu 1 tal-Protokoll numru 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, li ġew adottati u maħruġa mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fid-19 ta' Jannar 1994, ippubblikati fil-ĠU L 231, 3.9.1994 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 32 tat-3.9.1994. Il-Linji Gwida ġew emendati l-aħħar fid-19 ta' Diċembru 2007. Minn issa 'il quddiem imsejħa l-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna mill-Istat. Verżjoni aġġornata tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna mill-Istat tinsab fis-sit elettroniku tal-Awtorità: <http://www.eftasurv.int/fieldsOfWork/fieldStateAid/guidelines/>

<sup>(6)</sup> Ippubblikata fil-ĠU L 139, 25.5.2005, p. 37.

<sup>(7)</sup> Id-deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL ġiet ippubblikata fil-ĠU C 117, 19.5.2005, p. 17 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 24, 19.5.2005. Id-deċiżjoni tal-Awtorità Nru 368/06/COL ġiet ippubblikata fil-ĠU C 77, 5.4.2007, p. 21 u fis-Suppliment taż-ŻEE Nru 17, 5.4.2007, p. 1.

Skont l-Artikolu 1(3) tal-Ewwel Parti tal-Protokoll numru 3, l-awtoritajiet tal-Islanda nnotifikaw il-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu f'Sementsverksmiðjan hf. permezz ta' ittra datata d-19 ta' Awwissu 2003 mibgħuta mill-Missjoni tal-Islanda għall-Unjoni Ewropea, billi għaddew ittra mill-Ministeru tal-Finanzi datata d-19 ta' Awwissu 2003 (Dok Nru 03-5685 A).

Fis-17 ta' Diċembru 2003, Aalborg Portland Íslandi ehf. ippreżentat ilment lill-Awtorità dwar it-termini u l-kondizzjonijiet tal-bejgħ tal-ishma li l-Istat tal-Islanda kellu f' Sementsverksmiðjan hf. L-Awtorità rċeviet u rreġistrat din l-ittra fit-23 ta' Diċembru 2003 (Dok Nru 03-9059 A). L-ilmentatur talab li dan l-ilment jiġi pproċessat fl-istess ħin man-notifika tal-bejgħ tal-kumpanija mill-Gvern.

Wara diversi skambji ta' korrispondenza miż-żewġ naħat <sup>(8)</sup>, permezz ta' ittra datata l-21 ta' Diċembru 2004, l-Awtorità għarrfiet lill-awtoritajiet tal-Islanda li hija ddeċidiet li tiftaħ il-proċedura msemmija fl-Artikolu 1(2) tal-Ewwel Parti tal-Protokoll numru 3 fir-rigward tal-bejgħ mill-Istat tal-Islanda tal-ishma li hu kellu f'Sementsverksmiðjan hf. (Avveniment Nru 296878). L-Awtorità qajmet dubji dwar il-valur tas-suq ta' Sementsverksmiðjan hf. fiż-żmien meta nbiegħu l-ishma tal-Istat, dwar il-valur tas-suq tal-assi li reġgħu nxtraw mill-Istat, dwar id-dritt ta' Sementsverksmiðjan hf. li tuża, mingħajr ebda ħlas, xi wħud mill-assi li jinsabu f'Rejkiavik li nbiegħu lit-Teżor Nazzjonali, kif ukoll dwar id-dritt tal-Istat li jerġa' jakkwista mill-ġdid ċerti proprjetajiet u ċerti drittijiet fuq artijiet li jinsabu f'Rejkiavik bi prezz iffissat minn qabel.

Id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL biex jingħata bidu għall-proċedura ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fuq is-Suppliment taż-ŻEE <sup>(9)</sup>. L-Awtorità stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar dan. L-awtoritajiet tal-Islanda sottomettew il-kummenti tagħhom dwar din id-Deċiżjoni b'ittra datata l-24 ta' Frar 2005 (Avveniment Nru 311243). Fl-20 ta' Ġunju 2005, l-Awtorità rċeviet kummenti minn Íslenskt sement ehf., li hi l-kumpanija li xtrat lil Sementsverksmiðjan hf. (Avveniment Nru 323552). Fit-2 ta' Settembru 2005, Aalborg Portland Íslandi ehf. issottomettiet aktar kummenti (Avveniment Nru 333018).

<sup>(8)</sup> Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar il-korrispondenza li għadiet bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet tal-Islanda, qiegħda ssir referenza għad-Deċiżjoni tal-Awtorità biex tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, Deċiżjoni Nru 421/04/COL.

<sup>(9)</sup> Ara n-nota 7 ta' qiegħ il-paġna.

F'ittra datata s-17 ta' Frar 2006 (Avveniment Nru 363608), l-Awtoritajiet tal-Islanda għaddew lill-Awtorità kopja bl-Ingliż tal-Ftehim li sar bejn Sementsverksmiðjan hf. u l-Ministeru għall-Industrija għan-nom tal-Gvern tal-Islanda, li fuq il-bażi tiegħu ġie rtrirat id-dritt tal-kumpanija li terġa' tixtri lura xi assi f'Rejkjavík. Barra minn hekk, skont Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, mill-1 ta' Jannar 2004, il-kumpanija nġhatat b'titolu ta' kera għal perjodu ta' żmien indefinit l-assi li kienet qiegħda tuża, bi ħlas ta' kera mensili stabbilita skont il-prezzijiet tas-suq.

Fid-dawl tal-kummenti magħmula mill-ilmentatur, u fid-dawl ta' informazzjoni u kjarifiki ulterjuri li saru mill-awtoritajiet tal-Islanda matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità kienet tal-fehma li kien meħtieġ li l-proċedura ta' investigazzjoni formali tiġi estiża biex tkopri wkoll il-proċess li permezz tiegħu l-Istat tal-Islanda assumu d-djun ta' Sementsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjonijiet. Għalhekk, l-Awtorità adottat id-Deċiżjoni Nru 367/06/COL tad-29 ta' Novembru 2006 dwar il-proċess li permezz tiegħu l-Istat tal-Islanda assumu d-djun ta' Sementsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjonijiet. Permezz ta' ittra datata d-29 ta' Novembru 2006 (Avveniment Nru 399095), l-Awtorità infurmat lill-awtoritajiet tal-Islanda bid-deċiżjoni tagħha li l-proċedura ta' investigazzjoni formali tiġi estiża fir-rigward ta' din il-miżura. L-awtoritajiet tal-Islanda ma' ssottomettewx kummenti dwar id-deċiżjoni tal-Awtorità.

Fl-istess data, fid-29 ta' Novembru 2006, l-Awtorità għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar il-miżuri ta' għajjnuna li nġhataw lil Íslenskt Sement ehf., il-grupp ta' investituri li akkwistaw l-ishma li l-Istat kellu f'Sementsverksmiðjan hf.. L-Awtorità kkonkludiet li ma kien hemm l-ebda għajjnuna involuta f'din it-tranżazzjoni.

Id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 367/06/COL ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u fis-Suppliment taż-ŻEE<sup>(10)</sup>. L-Awtorità talbet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom dwar l-imsemmija Deċiżjoni. Fis-7 ta' Mejju 2007 (Avveniment Nru 420691), l-Awtorità rċeviet kummenti minn Íslenskt sement ehf.. Permezz ta' ittra datata l-14 ta' Mejju 2007 (Avveniment Nru 421504), l-Awtorità għaddiet dawn il-kummenti lill-awtoritajiet tal-Islanda, u dawn ingħataw l-opportunità biex iwiegħbu għall-kummenti li ġew sottomessi. L-awtoritajiet tal-Islanda wiegħbu fit-18 ta' April 2008 (Avveniment Nru 474416).

## 2. L-ISFOND

### 2.1 IL-PROĊESS TAL-BEJGĦ TA' SEMENTSVERKSMIÐJAN HF.

Sas-sena 2000, meta importatur tas-siment mid-Danimarka daħal fis-suq İzlandiż, Sementsverksmiðjan hf. kienet tgawdi monopolju *de facto* fis-suq tas-siment. Minħabba s-sitwazzjoni l-ġdida ta' kompetittività, Sementsverksmiðjan hf. għaddiet minn diffikultajiet ekonomiċi u bdiet iġġarrab telf. Għalhekk, f'Marzu tal-2003, l-Istat iddeċieda li jbiegħ l-impriża u ħareġ sejħa għall-offerti biex jinxtrow 100 % tal-ishma tiegħu f'Sementsverksmiðjan hf. (11).

<sup>(10)</sup> Ara n-nota 7 ta' qiegħ il-paġna.

<sup>(11)</sup> Għal informazzjoni aktar iddetaljata dwar il-proċess tal-bejgħ, qiegħda ssir referenza għad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL.

Il-proċedura tas-sejħa għall-offerti wasslet għall-għażla ta' grupp ta' investituri<sup>(12)</sup>, li ħolqu l-kumpanija Íslenskt Sement ehf. bil-għan li jakkwistaw l-ishma tal-Istat. Il-Gvern beda n-negożjati ma' dawn l-investituri biex jinbiegħu l-ishma li l-Istat kellu f'Sementsverksmiðjan hf.. Ir-riżultat tan-negożjati bejn il-Gvern u l-kumpanija Íslenskt Sement ehf. kienu li l-kumpanija nbiegħet prinċipalment skont il-ftehim deskritt hawn taħt.

Fit-2 ta' Ottubru 2003, il-Ministeru għall-Industrija, għan-nom tal-Gvern tal-Islanda, iffirma Ftehim dwar ix-Xiri tal-Ishma mal-kumpanija Íslenskt Sement ehf.. Skont dan il-Ftehim, l-Istat, li kien is-sid ta' 100 % tal-ishma ta' Sementsverksmiðjan hf. bil-valur nominali ta' ISK 450 miljun, biegħ l-ishma li Íslenskt Sement ehf. għall-prezz ta' ISK 68 miljun.

Skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar ix-Xiri tal-Ishma, il-Gvern tal-Islanda assumu d-djun u l-obbligi ta' Sementsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjonijiet. Il-Gvern tal-Islanda assumu wkoll l-obbligi kollha eżistenti kif ukoll daww futuri rigward il-ħlas ta' kumpens annwali li jingħata lill-individwi li jħallsu fl-Iskema B tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat, u dan sakemm huma jkunu għadhom impjegati ta' Sementsverksmiðjan hf..

Il-Ministeru tal-Finanzi, għan-nom tat-Teżor tal-Istat, ħa taħt idejh il-bqija tal-bonds li nħarġu biex jitħallsu l-obbligi akkumulati ta' Sementsverksmiðjan hf., kif saldati fil-ftehim tal-1997, kif ukoll l-obbligi eżistenti u daww futuri tal-impjegati preżenti tal-kumpanija li jaqgħu taħt l-Iskema B, permezz ta' Ftehim iffirmit fit-23 ta' Ottubru 2003 mal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat. Għaldaqstant, il-Gvern issodisfa l-obbligu stipulat fl-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar ix-Xiri tal-Ishma bejn il-Ministeru tal-Industrija u Íslenskt sement ehf.

Skont l-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar ix-Xiri tal-Ishma, il-Gvern tal-Islanda kellu jixtri xi assi mingħand Sementsverksmiðjan hf. permezz ta' ftehim separat. Kif huwa indikat fis-Sezzjoni 3 tal-Artikolu 5, il-prezz tax-xiri ta' dawn l-assi kien ta' ISK 450 miljun.

Fl-istess data, fit-2 ta' Ottubru 2003, Sementsverksmiðjan hf. u t-Teżor Nazzjonali tal-Islanda ffirmaw Kuntratt ta' Xiri li permezz tiegħu t-Teżor xtara għall-prezz ta' ISK 450 miljun, il-proprietajiet u l-assi tal-kumpanija f'Rejkjavík, il-bini tal-uffiċċju tal-kumpanija f'Akranes, minbarra sular u nofs minnu, u l-ishma u l-bonds kollha li Sementsverksmiðjan hf. kellha f'kumpaniji oħra. Kif stipulat fl-Artikolu 5 tal-Kuntratt tax-Xiri, Sementsverksmiðjan hf. kellha d-dritt li żżomm parti mill-proprietajiet mibjugħa f' Rejkjavík<sup>(13)</sup>, u tużahom għall-hidmijiet industrijali tagħha waqt li troddhom lura lit-Teżor sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011. Sementsverksmiðjan hf. Kellha tħallas għall-mantenutenzjoni u l-benefikati magħmula

<sup>(12)</sup> Il-grupp ta' investment kien ikkostitwit minn Framtak fjárfestingar-banki hf, Björgun ehf., BM Vallá ehf. u oriġinarjament minn Steypustöðin, li aktar tard ġiet issostitwita mill-kumpanija Norveġija Norcem AS.

<sup>(13)</sup> 2 tankijiet fejn jinħażen is-siment, il-bini tal-kunsinna/ippakkjar tas-siment, it-turġien u l-entrata, il-kejsing tal-pajppijiet tas-siment, l-istekkat u l-grada, sajlo tal-azzar u t-tagħmir ta' miegħu, kumpresuri tal-arja, magna li tnixxef u tagħmir li jaħdem bl-elettriku li jinsab f'maħżen ħdejn il-baċir, il-krejn ta' ħdejn il-moll, is-sistema ta' pajppijiet f'kejsing tal-pajppijiet tas-siment, miżien tal-vetturi u t-tagħmir kompjuterizzat ta' miegħu.

f'dawn il-proprietajiet, iżda ma kellha tħallas ebda kumpens għad-dritt ta' użu tal-proprietà. Skont l-Artikolu 6 tal-Kuntratt tax-Xiri, Sementsverksmiðjan hf. Kellha d-dritt li tixtri lura l-proprietajiet mibjugħha f'Rejkjavik hawn fuq imsemmija sal-31 ta' Diċembru 2009, għall-prezz totali ta' ISK 95 miljun b'imgħax annwali fiss ta' 7% li jitħallas mill-1 ta' Awwissu 2003.

Il-kuntratt tax-xiri ġie emendat fis-16 ta' Frar 2006 permezz ta' ftehim iffirmat bejn Sementsverksmiðjan hf., il-Ministeru tal-Industrija għan-nom tal-Gvern tal-Islanda u Íslenskt sement ehf.. Il-partijiet f'dan il-ftehim qablu li jidderogaw mis-Sezzjoni 5.4 tal-ftehim tax-xiri tal-Ishma fir-rigward tal-fakultà li ċerti assi jinxtraw lura, kif ukoll mis-Sezzjoni 6 tal-Kuntratt tax-xiri, u li dawn jiġu ssostitwiti b'dispożizzjoni dwar kiri ta' ċerti assi<sup>(14)</sup>. Il-kera mensili ġiet iffissata għal ISK [...] b'aġġustament skont l-indiċi tal-ispejjeż tal-bini. Fir-rigward iż-żmien tal-kunsinna tal-assi mibjugħha lit-Teżor Nazzjonali, il-partijiet ftiehm li jissostitwixxu d-data tal-31 ta' Diċembru 2011 bid-data tal-1 ta' Jannar 2004.

## 2.2 ID-DEJN TA' SEMENTSVERKSMIÐJAN HF. MAL-FOND TAL-PENSONI TAL-ISTAT

### 2.2.1. Kif jaħdem il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat

Il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat kien oriġinarjament irregolat mid-dispożizzjonijiet tal-Att Nru 29/1963. Fl-1990, il-primjums għall-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat kienu jidhru li mhumiex biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għall-ħlas tal-pensjonijiet. Għal din ir-raġuni, l-Istat iddeċieda li jirrifirma s-sistema u adotta l-Att Nru 1/1997 "L-Att dwar il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat". Il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat kien maqsum f'żewġ Skemi: inħolqot Skema A ġdida, filwaqt li l-fond tal-pensjoni li kien jeżisti qabel inqeleb fl-Iskema B. L-impjegati l-ġodda kollha kellhom jagħżlu l-Iskema A, filwaqt li l-impjegati kollha li diġà kellha l-kumpanija kellhom għażla bejn li jidhru membri fl-Iskema A jew li jibqgħu membri fl-Iskema B li kienet magħluqa għall-membri l-ġodda. Skont l-awtoritajiet tal-Islanda, bil-qsim tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat eżistenti fl-Iskema A u B, il-fond sar kapaċi jmantni lill-niġfsu u ma kienx ser ikompli jakkumula bilanċ negattiv bejn il-primjums u l-impenji li fl-aħħar mill-aħħar kien ikollu jagħmel tajjeb għalih it-Teżor Nazzjonali<sup>(15)</sup>.

Għall-kuntrarju ta' dan, bħala riżultat tad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-Iskema B, normalment ikun hemm defiċit li jrid jiġi kopert fuq bażi regolari. Id-dispożizzjonijiet applikabbli

<sup>(14)</sup> Kamra tal-prensa, 2 sajlis, kunsinna tas-siment, kamra tal-pompa, tagħmir biex jiżen il-karozzi u tagħmir kompjuterizzat ta' miegħu fil-kamra tal-kunsinna, krejn, pajpijiet u sajlis tal-azzar bit-tagħmir imqabbd miegħu, makkinarju u tojlits, stazzjon tat-trasformazzjoni, taraġ u entrata.

<sup>(15)</sup> Il-primjums għall-Iskema A tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat huma mħallsa fuq il-bażi tad-dħul totali tal-impjegati li huma membri tal-Iskema li jakkwistaw id-drittijiet tal-irtirar fuq il-bażi tat-total tal-primjums imħallsa. Bħal ma jiġri fil-maġġoranza tal-fondi tal-pensjoni tax-xogħol li huma obbligatorji, id-drittijiet għall-pensjoni tal-Iskema A huma konnessi mal-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur. Id-drittijiet tal-impjegati li huma membri tal-Iskema huma marbuta bil-liġi u dawk li jħaddmu huma obbligati li jaġġustaw il-primjums tagħhom perijodikament biex jassiguraw li d-dħul tal-Fond mill-primjums ikun jaqbel mal-ħruġ tal-Fond.

għall-Iskema B jipprevedu l-ħlas tal-primjums fl-Iskema B tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat biss fuq il-bażi tal-paga bażika ta' dawk l-impjegati li jaqgħu taħt din l-Iskema, u mhux fuq il-ħlas totali li huma jirċievu. L-impjegati li jagħmlu parti minn din l-Iskema jakkwistaw id-dritt li jirċievu ċertu perċentwal tal-paga bażika għall-kariga li minnha huma jirtiraw. Għalhekk, il-pensjoni hija marbuta mal-medja taż-żieda fil-paga tal-impjegati tal-Istat. Skont l-Artikolu 33 tal-Att Nru 1/1997, huwa min iħaddem lill-membri tal-Iskema B tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat li għandu jagħmel tajjeb għal din id-differenza. Madanakollu, f'każ li min iħaddem jonqos li jagħmel il-ħlas meħtieġ, bis-saħħa tal-Artikolu 32 tal-Att Nru 1/1997, it-Teżor jiggarrantixxi lill-impjegat il-ħlas tal-pensjoni skont l-Att.

### 2.2.2. It-trasferiment ta' dejn minn Sementsverksmiðjan hf. għall-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat

Bir-riforma li saret fl-1996, iddaħħlet dispożizzjoni ġdida fil-liġi li tirregola l-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat, li teħtieġ li min iħaddem jirriforndi ż-żieda fil-ħlasijiet tal-pensjonijiet.

L-Artikolu 33 tal-Att Nru 1/1997 jgħid li "fil-każ fejn pensjoni li tkun diġà għet stabbilita [...] tiżdied minħabba żieda ġenerali fil-pagi tal-impjegati tal-gvern, it-Teżor u persuni oħra li jħaddmu li jassiguraw lill-impjegati tagħhom fil-Fond għandhom **jirrifondu**<sup>(16)</sup> iż-żieda li sseħħ fil-ħlasijiet tal-pensjonijiet. [...]".

Fit-8 ta' Ottubru 1997, il-Ministeru tal-Finanzi iffirma Ftehim mal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati taċ-Ċivil dwar il-ħlas tal-obbligati tat-Teżor Nazzjonali skont l-Artikolu 33 tal-Att Nru 1/1997 dwar il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati taċ-Ċivil fir-rigward tal-impjegati ta' Iceland State Cement Works, sat-tmiem tal-1996. Dawn l-obbligati kienu jikkorrespondu mal-obbligati tal-pensjoni miżjuda pagabbli lill-impjegati ta' Sementsverksmiðjan hf. wara li jitnaqqas is-sehem tal-kumpanija mill-assi tal-Fond.

L-Artikolu 3 ta' dan il-ftehim jgħid dan li ġej: "B'rata ta' imgħax imputata ta' 3,5%, il-valur preżenti tal-obbligati akkumulati tal-LSR<sup>(17)</sup> fir-rigward tal-impjegati ta' Iceland State Cement Works fl-aħħar tal-1996 kien stmat għal ISK 494 816 380. L-assi tal-LSR għall-ħlas ta' obbligati huma kkunsidrati li jammontaw għal 19% tal-obbligati akkumulati li għadhom mhumiex imħallsa. Għaldaqstant, l-obbligati tal-Istat għan-nom ta' Sementsverksmiðjan hf. Ltd. huma ta' ISK 400 801 268."

L-Artikolu 33 il-ġdid tal-Att Nru 1/1997 jipprevedi l-possibiltà li l-ħlas isir permezz ta' bonds.

<sup>(16)</sup> L-enfasi hija miżjuda mill-Awtorità.

<sup>(17)</sup> Akronomu bl-Iżlandiż għall-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat.

“Il-bord tal-Fond jista’ [...] jaċċetta debenture bħala ħlas għall-obbligi akkumulati. [...] L-obbligi mħallsa b’dan il-mod għandhom ikunu bbażati fuq stima attwarjali fid-data ta’ meta dawn jiġu mħallsa. Persuna li tħaddem li tkun issodisfat l-obbligu tagħha permezz tal-ħruġ ta’ debenture skont dan il-paragrafu ma jkollhiex aktar responsabbiltà għall-obbligi tal-Fond [...] fir-rigward tal-perjodu u ta’ dawk l-impjegati li għalihom japplika dan il-ħlas”.

Skont l-Artikolu 14 tal-istess ftehim “It-Teżor Nazzjonali għandu jagħmel ħlas lil-LSR għall-obbligu tiegħu skont l-Artikolu 2, billi jippreżenta lill-Fond b’bonds ta’ Iceland Cement Ltd. fl-ammont totali ta’ ISK 326 488 714 [...]. Il-bonds huma indicijati skont l-inflazzjoni mal-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (IPK) bl-indiċi bażi ta’ 178.6. L-imgħax annwali huwa ta’ 5,5 % (2,75 % għal nofs sena) u għandu jkun ikkalkulat mill-1 ta’ Jannar 1997. L-imgħax għall-perjodu li jkopri mill-1 ta’ Jannar 1997 sat-30 ta’ Awwissu 1997 għandu jitħallas separatament fl-1 ta’ Novembru 1997. Il-valur preżenti tal-bonds mill-1 ta’ Settembru 1997, b’imgħax imnaqqas ta’ 3,5 %, huwa ta’ ISK 400 801 268. It-Teżor Nazzjonali għandu jiggarrantixxi lil-LSR il-ħlas tal-pagamenti u l-imgħax ta’ dawn il-bonds. B’dawn il-bonds, it-Teżor Nazzjonali ssodisfa totalment l-obbligi tiegħu favur l-LSR fir-rigward ta’ supplimenti ta’ pensjoni skont l-Artikolu 33 tal-Att Nru 1/1997 dwar il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati taċ-Ċivil, li jirriżultaw mill-isħubija tal-impjegati ta’ Iceland State Cement Works fl-LSR sat-tmiem tal-1996”.

Għaldaqstant, wara l-applikazzjoni tal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 33 tal-Att Nru 1/1997, ladarba Sementsverksmiðjan hf. tkun issodisfat l-obbligi tagħha bil-ħruġ ta’ bonds għall-ammont stabbilit fil-Ftehim tat-8 ta’ Ottubru 1997, il-kumpanija ma jkollha ebda responsabbiltà oħra għall-impenji tal-Fond li jitħallsu pensjonijiet lil dawk l-impjegati li qabel kienu jaħdmu mal-kumpanija rigward il-perjodu li jkopri sal-aħħar tal-1996 u li għalihom kien japplika l-ħlas. Dawn il-bonds huma għalhekk sempliċiment posponiment tal-ħlas tad-dejn.

Fit-30 ta’ Marzu 1999, Sementsverksmiðjan hf. u l-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat iffirmaw it-tieni ftehim skont l-Artikolu 33 tal-Att Nru 1/1997. Skont dan il-ftehim, il-Fond għandu jagħmel stima annwali tal-obbligu akkumulat tal-ħlas tal-pensjoni ta’ matul is-sena fir-rigward tal-impjegati tal-kumpanija li huma membri tal-Iskema B tal-Fond li jkunu għadhom jaħdmu mal-kumpanija. Il-kumpanija tissodisfa dawn l-obbligi wara li tnaqqas il-kontribuzzjonijiet kollha mħallsa mill-impjegati u mill-kumpanija fir-rigward tad-drittijiet akkwistati matul is-sena. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-Islanda, fl-2003, ħames impjegati ta’ Sementsverksmiðjan hf. kienu għadhom membri tal-Iskema B tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat.

### 2.2.3. *Il-proċess li permezz tiegħu l-Istat assumu d-djun ta’ Sementsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjonijiet*

Permezz ta’ ftehim datat it-23 ta’ Ottubru 2003 bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat, għan-nom tat-Teżor tal-Istat, il-Ministeru tal-Finanzi ħa taħt idejh dak li kien fadal mill-bonds li nħarġu minn Sementsverksmiðjan hf. biex jitħallsu d-djun kollha tal-kumpanija, u dan

skont l-arranġament li sar permezz tal-ftehim tal-1997. Il-Gvern assumu wkoll l-obbligi li Sementsverksmiðjan hf. kellha favur il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat li darba fis-sena tħallas u tissalda l-ħlas ta’ kumpens lill-impjegati tal-kumpanija li huma membri tal-Iskema B tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat (kif miftiehem fil-Ftehim li sar bejn il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat u Sementsverksmiðjan hf. datat it-30 ta’ Marzu 1999).

Permezz ta’ dan il-ftehim, il-Ministeru tal-Finanzi ssodisfa l-obbligu assunt taħt l-Artikolu 4 tal-Ftehim ta’ Xiri tal-Ishma ffirmat fit-2 ta’ Ottubru 2003 mal-grupp ta’ investituri, Íslenskt sement ehf.. Skont dik id-dispożizzjoni, “il-Venditur għandu jassumi d-djun relatati mal-pensjonijiet u l-obbligi tal-Kumpanija li huma ggarantiti mill-Gvern, u li l-Gvern kien ħa taħt idejh mill-Kumpanija fl-1997 permezz ta’ ftehim speċjali. Il-Venditur għandu wkoll jassumi dawk l-obbligi kollha, kemm eżistenti kif ukoll futuri, rigward s-saldu annwali ta’ kumpens li japplika għal individwi li bħalissa qegħdin iħallsu fl-Iskema B tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat u dan sakemm huma jibqgħu impjegati tal-Kumpanija”.

Anke kieku l-Ministeru tal-Finanzi stess iddeċieda li jassumi d-djun u l-obbligi ta’ Sementsverksmiðjan hf. fil-Ftehim ta’ Xiri tal-Ishma mal-grupp ta’ investituri Íslenskt sement ehf., huwa fuq il-bażi ta’ att legali partikolari, jiġifieri l-ftehim bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat tat-23 ta’ Ottubru 2003, li Sementsverksmiðjan hf. ġiet mehluša minn dawn l-obbligi.

Skont informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-Islanda<sup>(18)</sup>, l-obbligi relatati mal-pensjonijiet tal-impjegati li huma diġà rtirati kienu stmati għal ISK 412 miljun fl-2003. Rigward l-obbligi futuri lejn l-impjegati ta’ Sementsverksmiðjan hf. li għadhom membri tal-Iskema B tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat, dawn kienu stmati li jammontaw għal ISK 10-15 miljun, skont kemm l-impjegati jdumu jaħdmu mal-kumpanija.

### 3. *IL-MIŻURI LI QEGĦDIN JIĠU EVALWATI FID-DEĊIŻJONI PREŻENTI*

Kif diġà ntqal, il-proċedura ta’ investigazzjoni formali li nfetħet bid-Deċiżjoni Nru 421/04/COL ġiet estiża biex tkopri l-proċess li permezz tiegħu l-Istat assumu d-djun tal-kumpanija relatati mal-pensjonijiet permezz tad-Deċiżjoni Nru 367/06/COL.

<sup>(18)</sup> L-awtoritajiet tal-Islanda pprovdew informazzjoni dwar l-affiljazzjoni tal-impjegati tal-kumpanija Sementsverksmiðjan hf. f’diversi skambji ta’ korrisondenza. Huma pprovdew dawn l-evalwazzjonijiet tal-figuri fittra datata 12 ta’ Novembru 2003. Fittra datata 18 ta’ April 2006, l-awtoritajiet tal-Islanda komplew jispjegaw li meta ġiet inkorporata l-kumpanija fl-1993, kien hemm 6 impjegati li kienu membri tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat u 93 impjegati li kienu membri ta’ fondi tal-pensjoni privati. Kif spjegaw l-awtoritajiet tal-Islanda, l-impjegati tal-kumpanija Sementsverksmiðjan hf. li ma jagħmlux xogħol manwali kellhom aċċess għall-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat, filwaqt li l-impjegati li jagħmlu xogħol manwali kienu membri tas-sistema tal-pensjoni privata, jiġifieri il-fond tal-pensjoni tat-trejdjunjin tagħhom. Wara l-inkorporazzjoni tal-kumpanija fl-1993, l-impjegati ġodda li ma jagħmlux xogħol manwali setgħu xorta jkunu membri tal-Fond tal-Pensjoni tal-Istat. Wara l-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu f’Sementsverksmiðjan hf. li sar fl-2003, l-impjegati l-ġodda kollha kellhom jidħlu membri f’fond tal-pensjoni privat.

Fil-istess data, fid-29 ta' Novembru 2006, l-Awtorità adottat id-Deċiżjoni Nru 368/06/COL biex tingħalaq il-proċedura ta' investigazzjoni formali dwar il-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu f'Semtsverksmiðjan hf. lil Íslenskt sement ehf. fid-29 ta' Novembru 2006 għall-prezz ta' ISK 68 miljun u kkonkludiet li l-bejgħ ma kienx jinkorpora fih għajjnuna mogħtija mill-istat.

Permezz ta' din id-Deċiżjoni, l-Awtorità ser tevalwa jekk ingħatatx għajjnuna mill-Istat lil Semtsverksmiðjan hf., u jekk tali għajjnuna hijiex kumpatibbli, fir-rigward tal-miżuri segwenti fejn s'issa għadha ma ttehdet ebda deċiżjoni mill-Awtorità:

- (1) Ix-xiri mill-Istat ta' proprjetajiet, assi, ishma u bonds ta' Semtsverksmiðjan hf.

Fid-Deċiżjoni Nru 421/04/COL, l-Awtorità qajmet il-kwistjoni li seta' kien hemm għajjnuna mill-Istat fl-akkwist mit-Teżor Nazzjonali tal-Islanda tal-assi li kienu ta' Semtsverksmiðjan hf. <sup>(19)</sup> għall-prezz ta' ISK 450 miljun, jekk dan il-prezz ma jikkorrispondix mal-valur tas-suq.

- (2) Id-dritt ta' Semtsverksmiðjan hf. li żżomm parti mill-assi u li terġa' tixtrihom lura bi prezz fiss.

Fid-Deċiżjoni Nru 421/04/COL, l-Awtorità fetħet ukoll il-proċedura ta' investigazzjoni formali rigward il-possibiltà ta' Semtsverksmiðjan hf. li żżomm parti mill-proprjetajiet f'Rejkjavik <sup>(20)</sup> li kienu mibjugħa, li tużahom għall-operazzjonijiet industrijali tagħha u li troddhom lura lit-Teżor Nazzjonali mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011. Semtsverksmiðjan hf. kellha tħallas għall-manutenzjoni kollha u għall-benefikati li jsiru f'dawn il-proprjetajiet, iżda ma kellhiex tħallas kumpens għal dan id-dritt ta' użu. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 6 tal-Kuntratt tax-Xiri, sal-31 ta' Diċembru 2009, Semtsverksmiðjan hf. kellha d-dritt li terġa' tixtri il-proprjetajiet f'Rejkjavik hawn fuq imsemmija li kienu diġà ġew mibjugħa għall-prezz totali ta' ISK 95 miljun b'ingħax annwali fiss ta' 7 % li jiddekorri mill-1 ta' Awwissu 2003.

Fid-Deċiżjoni Nru 421/04/COL, l-Awtorità fuq bażi preliminari ikkunsidrat li n-nuqqas ta' renumerazzjoni għall-użu tal-assi li jinsabu f'Rejkjavik li nbiegħu lit-Teżor bħala jammonta għal għajjnuna mill-Istat. L-Awtorità kienet tal-fehma li jekk Semtsverksmiðjan hf. terġa' tixtri mill-ġdid bil-prezz hawn fuq imsemmi, l-Istat jista' jitlef dħul jekk ibiegħ l-assi bi prezz taħt il-valur tas-suq.

<sup>(19)</sup> L-assi kkonċernati huma l-proprjetajiet u l-assi tal-kumpanija f'Reykjavik, il-bini tal-uffiċċju tal-kumpanija f'Akranes minbarra sular u nofs minnu, u l-ishma u l-bonds li l-kumpanija Semtsverksmiðjan hf. għandha f'kumpaniji oħra.

<sup>(20)</sup> 2 tankijiet fejn jinħażen is-siment, il-bini tal-kunsinna u l-ippakkjar tas-siment, it-taraġ u l-entrata, il-kejsing tal-pajpijiet tas-siment, l-istekkat u l-grad, sajlo tal-azzar u t-tagħmir ta' miegħu, kumpressuri tal-arja, magna li tnixxef u tagħmir li jaħdem bl-elettriku li jinsab f'maħżen ħdejn il-baċir, il-krejn ta' ħdejn il-moll, is-sistema ta' pajpijiet tal-kejsing tal-pajpijiet tas-siment, miżien tal-vetturi u t-tagħmir kompjuterizzat ta' miegħu.

- (3) Il-proċess li permezz tiegħu l-Istat assumat d-djun ta' Semtsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjonijiet.

Fid-Deċiżjoni 367/06/COL, l-Awtorità kkonkludiet fuq bażi preliminari li l-fatt li l-Istat assumat d-djun ta' Semtsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjonijiet jikkostitwixxi għajjnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE. L-Awtorità kellha esprimiet dubji dwar jekk kinitx tapplika xi waħda mill-eċċezzjonijiet għar-regola ġenerali li tipprojbixxi għajjnuna mill-Istat li jinsabu fl-Artikolu 61(2) jew (3) tal-Ftehim taż-ŻEE. F'każ illi hemm għajjnuna mill-Istat, l-Awtorità esprimiet id-dubji tagħha dwar jekk l-għajjnuna mogħtija tistax tiġi dikjarata bħala kumpatibbli mal-Ftehim taż-ŻEE. B'mod aktar speċifiku, l-Awtorità esprimiet tħassib dwar jekk l-għajjnuna tistax titqies li hija kumpatibbli fuq il-baży tad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna mill-Istat bħala Għajjnuna għas-Salvataġġ jew ir-Ristrutturar ta' Kumpanija.

#### 4. IL-KUMMENTI TAL-AWTORITAJIET TAL-ISLANDA

F'ittra datata it-23 ta' Frar 2005, l-awtoritajiet tal-Islanda kkummentaw fuq id-dubji li esprimiet l-Awtorità fid-Deċiżjoni Nru 421/04/COL. L-awtoritajiet tal-Islanda spjegaw li ix-xiri mill-ġdid tal-assi mingħand Semtsverksmiðjan hf. kien parti minn proċedura ta' ristrutturar: "L-Istat xtara mingħand il-Kumpanija l-assi kollha li ma kinux elementari għall-produzzjoni u l-operat, biex inaqqas in-nefqa relatata mal-operat tal-kumpanija u biex l-operat tal-Kumpanija jsir vijabbli."

Rigward il-valur korrett tal-assi li reġgħu nxtraw lura, l-awtoritajiet tal-Islanda sostnew li l-aktar stima realistika kienet dik li saret mill-esperti ta' AV u VSO Ráðgjöf f'Settembru tal-2003. Dawn l-esperti stmaw il-proprjetà f'Rejkjavik bħala li tiswa ISK 276 miljun u l-bini tal-uffiċċju f'Akranes bħala li jiswa ISK 74.4 miljun. L-awtoritajiet tal-Islanda kienu tal-fehma li l-istima tal-assi f'Rejkjavik kienet favorevoli ħafna għall-Istat minħabba li kellihom valur strateġiku, li kien ibbażat fuq il-valur proġettat fil-futur, "peress li fiż-żmien tal-bejgħ kienu qegħdin isiru pjaniet biex isir proġett kbir li jinvolvi l-bini ta' pont, u kellu jingħalaq il-port tal-Kumpanija f'Saeverhöfði, Rejkjavik b'hekk illi l-faċilitajiet kienu jsiru mingħajr ebda użu għall-operat tal-Kumpanija. Madanakollu, dan il-pont se jwassal għal tibdil fl-ippjanar tal-belt f'dik iż-żona u huwa mistenni li l-art tkun riżervata għal żona residenzjali, u b'hekk il-valur tal-art jogħla ħafna."

Fir-rigward tad-dritt ta' xiri mill-ġdid ta' ċerti assi stipulat fl-Artikolu 6 tal-Ftehim tax-Xiri tat-2 ta' Ottubru 2003, fl-ittra msemmija, l-awtoritajiet tal-Islanda indikaw il-fatt li huma lesti li jemendaw il-ftehim u jissostitwixxu dan id-dritt bid-dritt li l-Kumpanija tingħata l-ewwel preferenza biex terġa' tixtri l-assi tagħha, u dan bil-valur tas-suq.

Fl-aħħarnett, l-awtoritajiet tal-Islanda qajmu argumenti biex jiġġustifikaw il-fatt li f'każ li kien hemm għajjnuna mill-Istat fil-proċess tal-bejgħ ta' Semtsverksmiðjan hf., din l-għajjnuna tista' tiġi kkunsidrata bħala kumpatibbli skont il-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna mill-Istat bħala Għajjnuna għas-Salvataġġ jew ir-Ristrutturar ta' Kumpanija. Għal dan il-għan l-awtoritajiet tal-Islanda ppreżentaw mal-ittra, il-pjan ta' ristrutturar ta' Semtsverksmiðjan hf.

L-awtoritajiet tal-Islanda ma kkumentawx dwar id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 367/06/COL dwar il-fatt li l-Istat tal-Islanda assumu id-djun ta' Sementsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjonijiet.

##### 5. IL-KUMMENTI TAL-KUMPAÑIJA ÍSLENSKT SEMENT EHF.

Íslenskt sement ehf. issottomettiet il-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL fl-20 ta' Ġunju 2005 (Avveniment Nru 323552). F'din l-ittra, il-kumpanija saħqet li l-assi ta' Sementsverksmiðjan hf. li reġgħu nxtrow mill-Istat ma nbiegħux individwalment imma b'konnessjoni mal-bejgħ tal-ishma. Għaldaqstant, dak il-bejgħ kien jifforma parti integrali mill-ftehim tax-xiri in ġenerali dwar il-bejgħ tal-ishma ta' Sementsverksmiðjan hf. b'mod ġenerali. Barra minn hekk, Íslenskt sement ehf. ikkunsidrat id-drittijiet ta' Sementsverksmiðjan hf. li tuża xi wħud mill-assi li reġgħu nxtrow mill-ġdid, bħala parti integrali mill-proċess tal-privatizzazzjoni tal-kumpanija, u dan ġie kkunsidrat meta saru n-negozjati fuq il-prezz globali. Barra minn hekk, fl-opinjoni ta' Íslenskt sement ehf. il-valur tas-suq oġġettiv tad-dritt ta' użu ta' dawn l-assi huwa wisq zġhir "u jista' jiġi kkunsidrat bħala li ma jiswa xejn" peress li l-assi setgħu jintużaw biss minn Sementsverksmiðjan hf. bħala l-unika kumpanija li tipproduċi s-siment fl-Islanda. Fl-aħħar nett, Íslenskt sement ehf. kkuntestat l-argument li d-dritt tal-kumpanija li takkwista mill-ġdid dawk l-assi li hi għandha d-dritt tuża għall-prezz totali ta' ISK 95 miljun jinvolvi l-għajna mill-Istat, u dan għar-raġuni li dawn il-faċilitajiet speċjalizzati li jintużaw għall-produzzjoni tas-siment għandhom valur baxx fis-suq.

F'ittra datata fis-7 ta' Mejju 2007 (Avveniment Nru 421504), Íslenskt sement ehf. l-ewwel esprimiet l-opinjoni tagħha fuq l-approċċ li ħadet l-Awtorità li taqşam il-każ f'żewġ partijiet, jidher li l-bejgħ tal-ishma u l-miżuri l-oħra. Fl-opinjoni tal-kumpanija, it-tranżazzjonijiet differenti għandhom jiġu meqjusa bħala ħaġa waħda. "Kienet prekondizzjoni, kemm min-naħa tal-venditur (il-Ġvern tal-Islanda,) kif ukoll min-naħa tal-kompratur (Íslenskt sement ehf.), li d-diversi ftehim li saru fl-istess ġurnata jikkonstitwixxu tranżazzjoni waħda li ma tistax tinqasam. L-ebda ftehim ma seta' jiġi konkluż mingħajr l-konklużjoni tal-ftehim l-oħrajn fl-istess ħin u b'relazżjoni ma' xulxin."

It-tieni nett, Íslenskt sement ehf. ressqet argumenti biex turi li ma nġhatat l-ebda għajna mill-Istat fil-proċess li permezz tiegħu l-Istat tal-Islanda assumu d-djun ta' Sementsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjonijiet. Íslenskt sement ehf. spjegat li d-djun relatati mal-pensjonijiet ma kinux inklużi fil-karta tal-bilanċ tal-kontijiet annwali tas-sena 1996, iżda kienu mniżżla biss bħala obbligi kontinġenti li ma jidhru fil-karta tal-bilanċ. Fl-1997, l-obbligi tal-kumpanija relatati mal-pensjonijiet ġew rilaxxati kontra l-ħruġ ta' bonds tal-kumpanija fis-suq. Dan ifisser li d-djun ġew iffinanzjati permezz ta' dejn (bonds) mal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat, u mbagħad dawn id-djun tniżżlu fil-karta tal-bilanċ tal-kontijiet annwali tal-1997 u s-snin ta' wara bħala obligazzjoni fit-tul. Íslenskt sement ehf. komplet tispjega kif b'konnessjoni mal-bejgħ tal-ishma ta' Sementsverksmiðjan hf., l-Istat assumu d-dejn li l-kumpanija kellha mal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat fl-2003. Għalhekk, fil-kontijiet annwali għall-2003, ġie mnaqqas mill-obbligazzjonijiet fil-karta tal-bilanċ l-ammont ta' ISK 388 028 317 fl-istess waqt li l-qliegħ miżmum tal-kumpanija żdied bl-istess ammont.

It-tielet nett, Íslenskt sement ehf. għamlet referenza għall-bejgħ tal-assi minn Sementsverksmiðjan hf. favur l-Istat għas-somma ta' ISK 450 miljun, liema punt ġie indirizzat fid-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL. L-ishma u l-bonds kollha nbiegħu lill-Istat bil-valur tas-suq<sup>(21)</sup>. Il-proprjetà Saevarhófdi f'Rejkiavík u l-parti tal-bini tal-uffiċċju f'Akranes ġew stmati bħala li jiswew ISK 276 miljun u ISK 74,4 miljun rispettivament u nbiegħu lill-Istat għal ISK 280 miljun u ISK 72,5 miljun.

Íslenskt sement ehf. għamlet referenza wkoll għall-ispejjeż tal-likwidazzjoni ta' Sementsverksmiðjan hf. kif stabbiliti mill-MP Investment Bank Ltd. fl-2003 u ssostni li l-ispiża tal-likwidazzjoni kienet ikkalkulata bħala li se tkun ta' ISK 506 498 730, inklużi it-tindif tas-sit f'Akranes.

Íslenskt sement ehf. ikkonkludiet li "jekk wieħed japplika l-metodu stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea, 'per eżempju fil-każ Gröditzer Stahlwerke GmbH, il-kwistjoni ta' dan il-każ hi jekk l-ispejjeż totali għall-likwidazzjoni tal-Kumpanija maħruġa mill-Istat jaqbbżux l-ispejjeż tal-Istat jekk jassumi d-djun u jbiegħ l-ishma tal-Kumpanija. Jekk it-tweġiba għal din il-mistoqsija hija fl-affirmattiv, għandu jitqies li l-Istat mexa skont il-prinċipju ta' investitur fl-ekonomija tas-suq, peress li, fuq il-bażi ta' raġunament ekonomiku sod, investitur privat kien jassumi d-dejn u jbiegħ l-ishma tal-Kumpanija." Għalhekk, Íslenskt sement ehf. kienet tal-opinjoni li "l-ispiża totali tal-likwidazzjoni qabżet l-ispiża totali għall-bejgħ tal-Kumpanija għal 70 376 683 ISK<sup>(22)</sup> u għalhekk l-Istat aġixxa skont il-prinċipju tal-investitur fl-ekonomija tas-suq. Għaldaqstant, ma seta' kien hemm involuta ebda għajna mill-Istat fil-proċess li permezz tiegħu l-Istat assumu d-djun li l-Kumpanija kellha mal-Fond tal-Pensjoni b'konnessjoni mal-bejgħ tal-ishma tal-Kumpanija mill-Istat."

##### 6. IL-KUMMENTI MINN AALBORG PORTLAND ÍSLANDI EHF.

Permezz ta' ittra datata t-2 ta' Settembru 2005, il-kumpanija Aalborg Portland Íslandi ehf. issottomettiet l-osservazzjonijiet tagħha fuq id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL. Il-kumpanija qablet mal-Awtorità iżda ppuntat lejn il-fatt li d-deċiżjoni tal-bidu ma ndirizzatx il-proċess li bih l-Istat assumu d-djun ta' Sementsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjoni. Barra minn dan, il-kumpanija Aalborg Portland Íslandi ehf. ma għamlet l-ebda kummenti fuq id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 367/06/COL biex testendi d-deċiżjoni u tkopri wkoll il-proċess li bih l-Istat tal-Islanda assumu d-djun ta' Sementsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjoni.

<sup>(21)</sup> L-ishma fil-kumpanija Geca ġew stmati li kellhom valur ta' ISK 46,5 miljun, l-ishma tal-kumpanija Spölur ġew stmati li kellhom valur ta' ISK 40 miljun u l-bonds maħruġa mill-kumpanija Spölur ġew stmati li kellhom valur ta' ISK 11 miljun.

<sup>(22)</sup> Íslenskt Sement tispjega li l-ispiża totali għall-likwidazzjoni tal-Kumpanija laqħet is-somma ta' ISK 390,4 miljun, li fiha tinkludi s-somma li l-Istat ħallas biex jixri l-art f'Rejkiavík u f'Akranes. Kieku l-Istat iddeċieda li jxolji l-kumpanija, l-ispiża tal-likwidazzjoni kienet tammonta għall-valur tal-likwidazzjoni għall-assi fissi, jiġifieri ISK 69,9 miljun li minnhom jitnaqqas l-obbligu kuntrattwali biex jinnadaf is-sit fejn hemm l-impjant, bi spiża totali tal-likwidazzjoni li tammonta għal ISK 390,4 miljun. Id-deċiżjoni tal-Istat li jassumi d-dejn li l-Kumpanija kellha mal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat li jammonta għal ISK 388 028 317 u li jbiegħ l-ishma tal-Kumpanija lil Íslenskt Sement għal ISK 68 miljun, wasslet għal spiża netta li tammonta għal ISK 320 028 317. Għalhekk, l-ispejjeż għall-likwidazzjoni għall-Kumpanija kienu akbar mill-ispiża totali għal ISK 70 376 683.

## 7. AKTAR KUMMENTI MILL-ISLANDA

F'ittra datata t-8 ta' April 2008, l-awtoritajiet tal-Islanda ppreżentaw aktar informazzjoni dwar pjan ta' ristrutturar li kien diġà ġie ppreżentat qabel u kien hemm inkluż ukoll stħarriġ tas-suq li kien għadu qatt ma ġie ppreżentat lill-Awtorità.

## II. VALUTAZZJONI

## 1. L-GĦOTI TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE jgħid hekk:

“Sakemm mhux indikat mod ieħor f'dan il-Ftehim, kwalunkwe għajjnuna mill-Istati Membri tal-KE, l-Istati tal-EFTA jew għajjnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-istati taħt kwalunkwe forma li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tagħti preferenza lil ċerti negozji jew lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti,

jekk din taffetwa l-kummerċ bejn il-Partitjiet Kontrattwali, hija inkompatibbli mal-funzjonar ta' dan il-Ftehim”

## 1.1 IX-XIRI TA' PROPRJETAJIET, ASSI, ISHMA U BONDS

Fuq il-bażi tal-Kuntratt tax-Xiri, it-teżor Nazzjonali tal-Islanda xtara il-proprjetajiet u l-assi tal-kumpanija f'Rejkjavik, il-bini tal-uffiċċju tal-kumpanija f'Akranes minbarra sular u nofs minnu, u l-ishma u l-bonds li Sementsverksmiðjan hf. kellha f'kumpanija oħra, u dan għall-prezz ta' ISK 450 miljun.

It-tabella li ġejja tqabbel il-valur tas-suq tal-proprjetajiet mal-assi ta' Sementsverksmiðjan hf. f'Rejkjavik u f'Akranes, kif ukoll il-valur tal-ishma u l-bonds skont kif stabbilit minn esperti indipendenti <sup>(23)</sup>, mal-prezz li t-Teżor Nazzjonali ħallas għalihom:

(ISK miljuni)

	Stima li saret minn esperti indipendenti	Il-prezz imħallas mit-Teżor Nazzjonali tal-Islanda
Art, proprjetà u taġmir f'Saeverhöfði 31, f'Rejkjavik	276	280
Il-bini tal-uffiċċju f'Akranes (esklużi sular u nofs minnu)	74,4	72,5
Ishma fil-kumpanija Geca	46,5	46,5
Ishma fil-kumpanija Spölur	40	40
Bonds fil-kumpanija Spölur	11	11
Total	447,9	450

Għaldaqstant, hemm diskrepanza ta' 2,1 MISK (ekwivalenti għal 21 214 euro) li t-Teżor Nazzjonali ħallas aktar mill-valur tas-suq tal-assi li nxtraw kif stmati minn esperti indipendenti. Id-diskrepanza tinsab fil-bejgħ tal-proprjetajiet f'Rejkjavik li nbiegħu għal ISK 4 miljun aktar mill-istima li nġhatat, u fil-bini tal-uffiċċju f'Akranes li nbiegħu għal ISK 1,9 miljun inqas mill-istima.

stima waħda tirrappreżenta l-valur tas-suq li xerrej ikun lest li jaċċetta. Għall-kuntrarju, il-valur tas-suq aċċettabbli normalment ikun jista' jiġi stabbilit fi ħdan marġni raġonevoli, wara li jkun ġie eżaminat is-suq. Fl-opinjoni tal-Awtorità, m'hemm l-ebda tweġiba ovvja għall-mistoqsija dwar kemm irid ikun wiesa' dan il-marġni. Dan jista' jvarja minn każ għal każ.

Skont il-każistika, l-Awtorità ma tistax tiffissa b'mod arbitrarju l-prezz tas-suq f'din id-deċizzjoni biss fuq il-bażi ta' stima minn esperti <sup>(24)</sup>. Anzi, meta l-Awtorità tiffissa l-prezz tas-suq ta' art u bini, hija “*għandha tikkunsidra l-inċertezza involuta fl-iffissar ta' prezzijiet tas-suq bħal dawn, li min-natura tiegħu huwa retrospettiv.*” <sup>(25)</sup> Spiss jiġri li wieħed ma jkunx jista' jikkonkludi li

Fl-opinjoni tal-Awtorità, id-differenza ta' ISK 2.1 miljun fil-prezz nett bejn l-istima mogħtija mill-espert indipendenti u l-prezz li finalment tħallas mit-Teżor tal-Istat tant hija żgħira li ma tippovdi l-ebda evidenza li l-prezz tax-xiri ma kienx jirrifletti l-kondizzjonijiet tas-suq. Il-prezz stabbilit mill-espert indipendenti jista' jitqies bħala indikazzjoni. Differenzi fl-ammonti li huma ħafna ikbar mill-ammont tal-istima jistgħu jkunu indikazzjoni ta' għajjnuna mill-Istat. Madanakollu, fl-opinjoni tal-Awtorità <sup>(26)</sup>, differenza hekk żgħira bħal ma hi d-differenza f'dan il-każ, mhijiex biżżejjed biex tippova li kien hemm għajjnuna mill-Istat lil Sementsverksmiðjan hf.. Anzi, din tindika li l-ħlas kien jikkostitwixxi prezz tas-suq ġust. Għaldaqstant, l-Awtorità hi tal-fehma li Sementsverksmiðjan hf. ma rċevitx għajjnuna

<sup>(23)</sup> Fi Frar tal-2003, il-kumpanija Almenna Verkfræðistofan (AV) għamlet stima parzjali tal-proprjetajiet tal-kumpanija Sementsverksmiðjan hf. li jinsabu f'Rejkjavik, kif ukoll stima sħiħa f'Novembru 2003. Il-valur tal-bonds u l-ishma ġie stabbilit minn MP Verðbref meta stabbilixxew il-valur tal-kumpanija llikwidata qabel ma nbiegħu l-ishma tal-Istat. Is-Sur Daniél Rúnar Elíasson, sensar awtorizzat tal-proprjetà immobbli mill-aġenzija tal-proprjetà immobbli Hákat ivvaluta l-bini f'Akranes f'Awwissu 2003.

<sup>(24)</sup> Każijiet Konġunti T-127/99, T-129/99 & T-148/99 *Diputación Foral de Alava u oħrajn v Il-Kummissjoni* [2002] ECR II-1275, paragrafu 71.

<sup>(25)</sup> Każ T-366/00, *Scott SA v Il-Kummissjoni* [2007] ECR II-797, paragrafu 93.

<sup>(26)</sup> Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, l-Awtorità “m'għandhiex tiegħu l-ħtija minħabba li l-istima li għamlet kienet approssimattiva” peress li stimi bħal dawn huma min-natura taġgħha approssimattivi, cf Każ T-366/00, *Scott SA v Il-Kummissjoni*, kwotat hawn fuq, paragrafu 96.

mill-Istat fl-ambitu tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE fil-każ tal-bejgħ tal-proprjetajiet, assi, ishma u bonds favur it-Teżor Nazzjonali tal-Islanda.

## 1.2 ID-DRITT TAL-KUMPAĊIJA LI ŻŻOMM PARTI MILL-ASSI U LI TERĠA' TIXTRIHOM LURA BI PREZZ FISS

L-Artikolu 5 tal-Kuntratt tax-Xiri ta' lil Sementsverksmiðjan hf. il-possibiltà li żżomm parti mill-proprjetajiet f'Reykjavik<sup>(27)</sup> li hi kienet biegħet, biex tużahom għall-operazzjonijiet industrijali tagħha, u biex tagħti dawn il-proprjetajiet lura lit-Teżor Nazzjonali mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011. Sementsverksmiðjan hf. kellha tħallas għall-manutenzjoni u l-benefikati kollha, iżda ma hallsix kumpens għal dan id-dritt ta' użu. Barra minn hekk, skont Artikolu 6 tal-Kuntratt tax-Xiri, sal-31 ta' Diċembru tal-2009, Sementsverksmiðjan hf. kellha d-dritt li tixtri lura l-proprjetajiet f'Reykjavik fuq imsemmija għall-prezz totali ta' ISK 95 miljun, bl-interessi li jikkumulaw ikkalkulati fuq imgħax fiss annwali ta' 7% li jibda jiddekorri mill-1 ta' Awwissu 2003.

F'itra datata s-17 ta' Frar 2006 (Avveniment Nru 363608), l-awtoritajiet tal-Islanda għaddew lill-Awtorità kopja bl-Ingliż ta' Ftehim li sar bejn Sementsverksmiðjan hf. u l-Ministeru tal-Industrija għan-nom tal-Gvern tal-Islanda. Skont dan il-Ftehim, id-dritt li l-Kumpanija kellha, li jekk trid hi terġa' tixtri lura xi wħud mill-assi li kellha f'Reykjavik, ġie rtirat. L-assi li nbiegħu lit-Teżor għaddew għand it-Teżor b'effett mill-1 ta' Jannar 2004. Minn din id-data 'il quddiem, skont Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim, il-Kumpanija kriet l-assi li kienet qiegħda tuża għal perjodu ta' żmien indefinit. Il-kera ta' kull xahar għal dawn l-assi<sup>(28)</sup> hija ta' ISK [...]. Il-kera tiġi aġġustata darba fis-sena skont l-indiċi tal-prezz tal-kostruzzjoni. L-awtoritajiet tal-Islanda spjegaw il-fatt li l-ammont tal-kera ġie kkalkulat skont il-proporzjon normali tas-suq tal-proprjetà fl-Islanda.

L-Awtorità m'għandhiex għalfejn tiddubita l-veraċità u l-eżattezza tal-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet tal-Islanda, li skont din l-informazzjoni, Sementsverksmiðjan hf. tħallas il-prezz tas-suq bħala kera għal dawn l-assi<sup>(29)</sup>. Għaldaqstant, wara li fil-ftehim saru l-emendi fuq imsemmija, l-Awtorità hija tal-fehma li ma ngħatat l-ebda għajjnuna mill-Istat li taqa' fl-ambitu tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

<sup>(27)</sup> 2 tankijiet fejn jiġi maħżun is-siment, il-bini fejn jitwassal is-siment/jiġi ppakkjat, it-taraġ u l-entrata, il-kejsing tas-siment tal-pajpijiet, l-istekkat u l-grad, saġlo tal-azzar u t-tagħmir ta' miegħu, kumpressuri tal-arja, magna li tnixxef u tagħmir li jaħdem bl-elettriku li jinsab f'maħżen ħdejn il-baċir, il-krejn ta' ħdejn il-moll, il-pajpijiet li għaddejn minn ġo kejsing apposta tas-siment, miżien tal-vetturi u t-tagħmir kompjuterizzati ta' miegħu.

<sup>(28)</sup> L-assi mikrija huma kamra tal-pressa, żewġ saġlos, it-trasport tas-siment għal fuq il-post u kamra tal-pompa, li jikkonsistu f'erja ta' 290 m.k. Barra minn hekk, it-tagħmir użat biex jiżen il-karozzi, il-lottijiet tax-xogħol, il-krejn, il-pajpijiet u s-saġlo tal-azzar, il-makkinarju u t-tojls, stazzjon tat-transformer, it-taraġ u l-entrata huma wkoll mikrija.

<sup>(29)</sup> L-awtoritajiet tal-Islanda infurmaw lill-Awtorità li l-użu ta' ħafna mill-art f'Sævarhöfði, f'Reykjavik li qabel kienet tal-kumpanija Sementsverksmiðjan hf. inkriet lill-kumpanija Jarðboranir hf. għall-prezz ta' [...] ISK kull metru kwadru. Il-prezz tal-kiri mitlub lill-kumpanija Sementsverksmiðjan hf. kien ta' [...] ISK. L-Awtoritajiet tal-Islanda spjegaw ukoll li l-fatt li kienet se tinkera l-art f'Sævarhöfði ġie reklamant fil-gazzetta Morgunblaðið fl-aħħar tal-2003 u li l-aktar offerta vantaġġuża kienet magħmula mill-kumpanija Jarðboranir hf. għall-prezz hawn imsemmi. Għal dawn ir-raġunijiet, l-awtoritajiet tal-Islanda argumentaw li l-ammont tal-kera jikkorrispondi mal-prezzijiet tas-suq tal-Islanda.

## 1.3 IL-PROĊESS LI PERMEZZ TIEGħU L-ISTAT ASSUMA L-OBBLIGI RELATATI MAL-ĦLAS TAL-PENSIJONIJET

Permezz ta' ftehim iffirmat bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat fit-23 ta' Ottubru 2003, il-Ministeru tal-Finanzi, għan-nom tat-Teżor Nazzjonali, ħa l-bonds li kien baqa' li nħarġu biex jitħallsu d-djun ta' Sementsverksmiðjan hf. li kienu akkumulaw, u dan kif kien mifthiem fil-Ftehim tal-1997. Barra minn hekk, in forza tal-istess ftehim, it-Teżor Nazzjonali assuma l-obbligi li kellha ta' Sementsverksmiðjan hf. lejn l-impjegati li għadhom jaħdmu mal-kumpanija. Dawn l-obbligi kellhom jitħallsu u jiġu magħluqa kull sena.

### 1.3.1. L-għoti tal-ghajjnuna permezz ta' riżorsi tal-Istat

Biex tikkonsisti f'ghajjnuna mill-Istat, l-ghajjnuna trid tkun l-ewwel nett ingħatat mill-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat. Skont il-Ftehim bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat iffirmat f'Ottubru tal-2003, it-Teżor irid iħallas lill-Fond tal-Pensjoni, għan-nom ta' Sementsverksmiðjan hf., l-ammonti li huma dovuti mill-kumpanija. Fiż-żmien meta kien iffirmat il-ftehim, id-djun li Sementsverksmiðjan hf. kellha mal-Fond tal-Pensjoni fir-rigward tal-ħlas tal-pensjonijiet lill-impjegati li kienu diġà irtirati kien stimat bħala li hu ta' ISK 412 miljun. Barra minn hekk, l-obbligi futuri fir-rigward tal-impjegati tal-kumpanija li baqa' u li huma membri tal-Iskema B tal-Fond tal-Pensjoni u li għadhom jaħdmu mal-kumpanija, kienu kkalkulati bħala li jammontaw bejn ISK 10 u 15-il miljun. Li l-Istat jassumi d-djun tal-kumpanija relatati mal-pensjonijiet u li jħallas dawn id-djun mit-Teżor jinvolti l-użu ta' riżorsi tal-Istat.

### 1.3.2. Preferenza mogħtija lil ċerti negozji jew lill-produzzjoni ta' ċerti prodotti

It-tieni nett, l-ghajjnuna mill-Istat trid tagħti vantaġġi lil min ikun qiegħed jirċeviha fis-sens li teħilsu minn obbligi li s-soltu jkollhu jwettagħ mill-baġit tiegħu.

L-Istat assuma d-dejn li Sementsverksmiðjan hf. kellha mal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat fuq il-ħlas tal-pensjonijiet tal-impjegati tagħha stess. Sementsverksmiðjan hf. ġiet imwaqqa fl-1955 bħala parti mill-amministrazzjoni tal-Istat. L-impjegati tal-produttur tas-siment, li dak iż-żmien kien imsejjaħ Iceland State Cement Works, kienu membri tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat bħal kwalunkwe impjegat ieħor mal-amministrazzjoni tal-Istat.

Fl-1997, l-Istat għamel riforma tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat. Il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat għamel stima attwarjali tal-obbligi li kellu favur il-membri tiegħu fil-forma ta' ħlas ta' pensjoni fil-futur. Ir-riżultat ta' din l-istima ġie mbagħad imqabbel mal-assi tal-Fond u s-sehem fl-obbligi li min jimpejga għandu lejn l-impjegati. Fl-aħħar tal-1996, id-djun tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat fir-rigward ta' impjegati ta' Sementsverksmiðjan hf. li kienu diġà rtiraw, kien iħabbatha ma' ISK 400 miljun<sup>(30)</sup>.

<sup>(30)</sup> Skont Artikolu 3 tal-Ftehim bejn il-Fond tal-Pensjoni tal-Ħaddiema taċ-Ċivil u l-Ministeru tal-Finanzi fuq il-ħlas tal-obbligi tat-Teżor Nazzjonali skont Artikolu 33 ta' Att Nru. 1/1997, fir-rigward ta' impjegati tal-kumpanija Iceland State Cement Works sa l-aħħar tal-1996, id-djun tal-Fond tal-Pensjoni tal-Ħaddiema taċ-Ċivil, għan-nom tal-kumpanija Iceland Cement Ltd. kienu ta' ISK 400 801 268.



It-Teżor ħallas dan id-dejn lill-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat permezz ta' bonds tal-kumpanija. Dan id-dejn baqa' fil-kontijiet ta' Sementsverksmiðjan hf sat-23 ta' Ottubru tal-2003, meta l-Istat assuma d-dejn li Sementsverksmiðjan hf kellha mal-Fond tal-Pensjoni. Dan id-dejn kien jikkonċerna, fuq naħa waħda, il-ħlas ta' pensjonijiet lill-impjegati ta' Sementsverksmiðjan hf li kienu diġà rtiraw fiż-żmien meta ġie stabbilit id-dejn fl-1997. Min-naħa l-oħra, id-dejn kien jikkonċerna wkoll il-ħlas tal-pensjonijiet li ġie kkalkulat, ta' 5 impjegati li dak iż-żmien kienu għadhom jaħdmu f'Sementsverksmiðjan hf, u li kienu għadhom membri fi Skema B tal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat <sup>(31)</sup>.

La darba il-ħlas tal-pensjonijiet jiffirma parti mill-ispejjeż normali li negozju jkollu jorog fl-eżekuzzjoni tan-negozju tiegħu, il-fatt li l-Istat ħa taħt idejh dawn il-ħlasijiet ħeles lil-Sementsverksmiðjan hf minn spiża. B'dan l-għaġir, l-Istat ta lil din il-kumpanija vantaġġ fuq l-oħrajn peress li negozji oħra jkollhom iħabbtu wiċċhom ma spejjeż relatati mal-pensjonijiet għall-impjegati tagħhom.

### 1.3.3. Tfixkil tal-kompetizzjoni u kif jiġi affetwat il-kummerċ bejn il-Partijiet Kontrattwali

It-tielet, l-għajnuna mill-Istat trid tfixkel il-kompetizzjoni u taffetwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontrattwali.

In-negozji li jibbenefikaw minn vantaġġ ekonomiku mogħti mill-Istat li jnaqqsilhom l-ammont normali tal-ispejjeż tagħhom, jispiċċaw f'pożizzjoni kompetittiva li hi aħjar minn dawk li ma jibbenefikawx minn dan il-vantaġġ. Fiż-ŻEE, teżisti kompetizzjoni għas-siment fis-suq. Bħalissa, hemm żewġ kumpaniji li huma attivi fis-suq tas-siment tal-Islanda: Sementsverksmiðjan hf. u Aalborg Portland Íslandi ehf. Kwalunkwe vantaġġ mogħti lil-Sementsverksmiðjan hf. li jnaqqsilha l-ispejjeż li normalment ikollha toħroġ, ipoġġi lill-kumpanija f'pożizzjoni kompetittiva aħjar fir-rigward ta' negozji oħra li diġà qegħdin joperaw jew negozji ġodda li jistgħu jidħlu fis-suq tas-siment fl-Islanda u li ma jibbenefikawx minn dan il-vantaġġ. Għalhekk, l-appoġġ mogħti mill-Istat lil-Sementsverksmiðjan hf. ifixkel il-kompetizzjoni.

Ir-raba', biex Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE japplika, il-miżura għandha taffetwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontrattwali tal-Ftehim taż-ŻEE.

Fis-suq tal-Islanda, il-kompetitur dirett ta' Sementsverksmiðjan hf. hi kumpanija sussidjarja ta' kumpanija sitwata fi Stat ieħor li jiffirma parti mill-Ftehim taż-ŻEE, liema kumpanija ma tipproduċix siment fl-Islanda, iżda timpurtah fl-Islanda minn pajjiżi oħra li huma pajjiżi fiż-ŻEE. Għal din ir-raġuni, jingħad li l-miżura taffetwa l-kummerċ bejn il-Partijiet Kontrattwali tal-Ftehim taż-ŻEE fl-ambitu tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

<sup>(31)</sup> Sa Ottubru tal-2003, id-djun relatati mal-ħlas tal-pensjonijiet ta' impjegati li kienu diġà rtiraw ammontaw għal ISK 412 miljun. Fl-istess data, id-dejn li jikkorrispondi ma' twettiq ta' obbligi fil-futur fil-każ tal-impjegati preżenti ġie smat bħala li jammonta għal bejn wieħed u ieħor ISK 10-15-il miljun.

### 1.3.4. Konklużjoni

Għar-raġunijiet hawn fuq indikati, l-Awtorità hija tal-fehma li meta l-Istat assuma l-obbligi relatati mal-pensjonijiet permezz tal-Ftehim iffirmat bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-Fond tal-Pensjoni tal-Istat f'Ottubru tal-2003, l-Istat ta għajna lil Sementsverksmiðjan hf..

## 2. REKWIŻITI PREĊEDURALI

Skont l-Artikolu 1(3) tal-Ewwel Parti tal-Protokoll numru 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, "l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha tkun infurmata, fi żmien raġonevoli biex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha, dwar kwalunkwe pjan dwar l-għoti jew it-tibdil tal-għajnuna (...). L-Istat ikkonċernat m'għandux jeżegwixxi l-miżuri li hu jipponi qabel ma l-proċedura tkun waslet għal deċiżjoni finali."

Għalkemm l-awtoritajiet tal-Islanda sottomettew notifika, permezz ta' ittra datata d-29 ta' Awwissu 2003 dwar il-bejgħ ipplanat ta' ishma li l-Istat kellu f'Sementsverksmiðjan hf., l-iffirmar tal-ftehimiet hawn fuq imsemmija mill-awtoritajiet tal-Islanda daħħal fis-seħħ kull miżura possibbli ta' għajnuna mill-Istat li nġhatat fuq il-bażi ta' dawn il-ftehimiet, qabel ma l-Awtorità kienet ħadet deċiżjoni finali fuq in-notifika. Għal din ir-raġuni, l-għajnuna mill-Istat mogħtija fil-qafas ta' din it-tranżazzjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat illegali fl-ambitu tal-Artikolu 1(f) tat-Tieni Parti tal-Protokoll numru 3, jiġifieri, għajnuna ġdida li ddaħħlet fis-seħħ bi ksur tal-Artikolu 1(3) tal-Ewwel Parti tal-istess Protokoll.

## 3. IL-KUMPATIBILTÀ TAL-GĦAJNUNA

Taħt l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE, għajnuna mogħtija biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ta' ċerti żoni ekonomiċi, tista' titqies bħala kompatibbli mal-iffunzjonar tal-Ftehim taż-ŻEE, f'każijiet fejn għajnuna bħal din ma taffetwax b'mod negattiv il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jmur kontra l-interess komuni. Għajnuna mogħtija għar-ristrutturar għandha tiġi evalwata taħt il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għas-Salvataġġ jew ir-Ristrutturar ta' Kumpanija (minn issa 'il quddiem imsejħa l-"Linji Gwida S & R").

Fid-Deċiżjoni Nru 421/04/COL, l-Awtorità enfasizzat il-fatt li l-awtoritajiet tal-Islanda ma ressqux argumenti jew evidenza dokumentata rispettiva għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mal-Linji Gwida S & R. L-awtoritajiet tal-Islanda għaddew il-pjan ta' ristrutturar ta' Sementsverksmiðjan hf. b'ittra datata Frar 2005. Barra minn hekk, fi Frar tal-2008, l-awtoritajiet tal-Islanda sottomettew informazzjoni ulterjuri dwar il-pjan ta' ristrutturar. Hawn taħt, l-Awtorità ser tevalwa jekk din l-informazzjoni l-ġdida tippermettix li wieħed jikkonkludi li l-għajnuna mill-Istat tissodisfa r-reqwiżiti tal-Linji Gwida S & R <sup>(32)</sup>.

<sup>(32)</sup> Kawża T-157/01 *Danske Busvognmænd v Il-Kummissjoni*, [2004] Ġabra II-917, punt 116.

### 3.1 IL-LINJI GWIDA APPLIKABBLI

L-ghajjnuna ngħatat f'Ottubru 2003 meta l-Istat ħeles lil Sementsverksmiðjan hf. mill-obbligi tagħha relatati mal-pensjonijiet. L-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' din l-ghajjnuna ser tkun ibbażata fuq il-Linji Gwida S & R mill-1999<sup>(33)</sup>, li kienu applikabbli fiż-żmien meta ngħatat l-ghajjnuna.

### 3.2 KUMPAĊIJA F'DIFFIKULTÀ

Skont is-Sezzjoni 16.2.1 tal-Linji Gwida S & R, kumpanija b'responsabbiltà limitata titqies bħala kumpanija f'diffikultà għall-finijiet tal-linji gwida, fi kwalunkwe każ u irrispettivament mid-daqs tagħha, meta aktar min-nofs tal-kapital irreġistrat tagħha jkun sparixxa, u aktar minn kwart ta' dak il-kapital ikun intilef fl-aħħar 12-il xahar. Irrispettivament mit-tip ta' kumpanija kkonċernata, il-linji Gwida S & R iqisu li kumpanija tinsab f'diffikultà għall-finijiet tal-Linji Gwida, meta din tissodisfa l-kriterji tal-liġi nazzjonali tagħha biex issir soġġetta għall-proċedimenti kollettivi ta' insolvenza. Normalment is-sintomi ta' kumpanija li tinsab f'diffikultà huma telf dejjem akbar, fatturat dejjem jonqos, inventarji dejjem akbar, kapaċità eċċessiva, nuqqas ta' likwidità, akkumulazzjoni ta' dejn, żieda fl-ispejjeż tal-imgħax u valur nett tal-assi li jonqos jew jispiċċa fix-xejn..

Il-kapital irreġistrat tal-kumpanija naqas minn ISK 1 096 miljun fl-2000 għal ISK 458 miljun fl-2003. Id-dħul tal-kumpanija naqas minn ISK 1.06 biljun fl-2000 għal ISK 863 miljun fl-2001 u ISK 598 miljun fl-2002. Il-bejgħ tal-kumpanija naqas minn [...] fl-2000 għal [...] fl-2001 u [...] fl-2002. Konsegwentement, il-produzzjoni niżlet b'aktar minn [...] %. Ir-riżultati operattivi bdew imorru għall-agħar b'ritmu mgħaġġel f'dan l-istess perjodu. Sementsverksmiðjan hf. kellha profitt ta' ISK 70 miljun fl-2000 iżda għamlet telf ta' ISK 230 miljun fl-2001. It-telf li ġarrbet il-kumpanija fl-2002 kien ta' ISK 220 miljun. Bejn is-sena 2000 u s-sena 2002, id-dejn totali ta' Sementsverksmiðjan hf. żdied minn ISK 733 miljun għal ISK 1 157 miljun. L-assi kurrenti naqsu minn ISK 750 miljun għal ISK 640 miljun.

Fil-kontijiet annwali ta' Sementsverksmiðjan hf. għall-2002, l-akkawntants esprimew tħassib serju dwar l-istat finanzjarju tal-kumpanija. It-telf akkumulat u l-probabilità kbira li l-kumpanija se tibqa' tagħmel telf fis-sena 2003, wassal għall-konklużjoni li kien dubjuż jekk il-kumpanija kinitx kapaċi tkompli topera.

Skont l-ispejjeżijiet u l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet tal-Islanda, Sementsverksmiðjan hf. kienet fuq waslet fiex ftalli u ma setgħetx tirkupra bir-riżorsi tagħha stess.

Għalhekk, l-Awtorità hi tal-fehma li, fil-mument meta ngħatat l-ghajjnuna mill-Istat, Sementsverksmiðjan hf. kienet kumpanija f'diffikultà fl-ambitu tal-Linji Gwida S & R.

<sup>(33)</sup> Ippubblikat fil-ĠU L 274, 26.10.2000, p. 1 u s-Suppliment taż-ŻEE Nru 48, 26.10.2000.

### 3.3 DEFINIZZJONI TA' GĦAJNUNA GĦAR-RISTRUTTURAR

L-ghajjnuna għar-ristrutturar trid tkun ibbażata fuq pjan fattibbli, koerenti u estiż sabiex tiġi rrestawrata l-vijabbiltà tal-kumpanija fuq medda ta' żmien twil. Skont is-Sezzjoni 16.2.2 tal-Linji Gwida S & R, l-ghajjnuna għar-ristrutturar normalment tinvolvi wieħed jew aktar minn dawn l-elementi li ġejjin: l-organizzazzjoni mill-ġdid u r-razzjonalizzazzjoni tal-attivitajiet tal-kumpanija għal bażi aktar effiċjenti, li tipikament jinvolvi t-twaqqif ta' attivitajiet li jwasslu għal telf, ir-ristrutturar tal-attivitajiet eżistenti li jstgħu jergħu jsiru kompetittivi u, possibilmment li l-kumpanija tiddiversifika fid-direzzjoni ta' attivitajiet ġodda u vijabbli. Ġeneralment, ir-ristrutturar finanzjarju (injezzjoni ta' kapital, tnaqqis tad-dejn) irid jimxi id f'id mar-ristrutturar fiżiku. Madanakollu, id-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida S & R jenfasizzaw il-fatt li l-operazzjonijiet ta' ristrutturar ma jstgħux ikunu limitati għal ghajjnuna finanzjarja biex din tagħmel tajjeb għal telf li l-kumpanija tkun ġarrbet fil-passat mingħajr ma jiġi indirizzati r-raġunijiet ta' dak it-telf.

Il-pjan ta' ristrutturar ta' Sementsverksmiðjan hf. kien jikkonsisti f'firxa wiesgħa ta' miżuri. Dan kopra r-ristrutturar finanzjarju tal-kumpanija, ir-ristrutturar tal-forxa tax-xogħol u tal-ispejjeż tal-produzzjoni, u l-inkorporazzjoni ta' sorsi ta' dħul alternattivi. Għalhekk, fid-dawl tal-Linji Gwida S & R, dan il-pjan ta' ristrutturar ma kienx limitat għar-ristrutturar finanzjarju iżda indirizza aspetti oħra tar-ristrutturar ta' Sementsverksmiðjan hf.. Fil-bidu, l-ghajjnuna kienet tat-tip li għandu jiġi evalwat taħt il-Linji Gwida S & R.

### 3.4 IL-KUNDIZZJONIJET GħALL-AWTORIZAZZJONI TAL-GĦAJNUNA GĦAR-RISTRUTTURAR

L-ghajjnuna mill-Istat għar-ristrutturar ta' kumpanija f'diffikultà tista' titqies bħala leġittima taħt ċerti kondizzjonijiet biss. Din tista' tiġi ġġustifikata, per eżempju, fuq il-baży ta' konsiderazzjonijiet soċjali jew reġjonali, tal-ħtieġa li jiġi kkunsidrat l-irwol benefiċjali ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-ekonomija, u tal-objettiv li tinżamm struttura kompetittiva fis-suq meta l-għejbien ta' kumpanija jista' jwassal għal monopolju jew sitwazzjoni stretta ta' oligopolija.

#### 3.4.1. Ir-restawr tal-vijabbiltà

Skont is-Sezzjoni 16.3.2.2(b) tal-Linji Gwida S & R, l-għoti ta' ghajjnuna għandu jkun marbut mal-kondizzjoni li jiġi implimentat il-pjan ta' ristrutturar li jrid ikun approvat mill-Awtorità. Il-pjan ta' ristrutturar, li għandu jkun għal żmien kemm jista' jkun qasir, irid jirrestawra l-vijabbiltà fit-tul tal-kumpanija, u dan fi żmien raġonevoli u fuq il-baży ta' suppożizzjonijiet realistiki rigward il-kondizzjonijiet tal-operat futuri. L-ghajjnuna għar-ristrutturar għandha tkun marbuta ma' pjan ta' ristrutturar vijabbli b'impenn mill-Istat tal-EFTA kkonċernat. Il-pjan irid jiġi sottomess bid-dettalji rilevanti kollha lill-Awtorità u jrid jinkludi , b'mod partikolari, sħarriġ tas-suq.

It-titjib fil-vijabbiltà jrid jinkiseb primarjament minn miżuri interni li jkun u jinsabu fil-pjan ta' ristrutturar u jista' jkun ibbażat fuq fatturi esterni, bħal varjazzjonijiet fil-prezzijiet u fid-domanda li fuqhom il-kumpanija m'għandhiex influwenza kbira, biss jekk is-suppożizzjonijiet tas-suq li jkun saru jkun ġeneralment aċċettati. Ir-ristrutturar irid jinvolvi l-abbandun ta' dawk l-attivitajiet li jkomplu jwasslu għal telf strutturali anke wara li jsir ir-ristrutturar.

Id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjoni 16.3.2.2(b) tal-Linji Gwida S & R jesigū li l-pjan ta' ristrutturatur jkun fih deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li wasslu lill-kumpanija għad-diffikultajiet li tkun tinsab fihom, u b'hekk jipprovdi bażi għall-evalwazzjoni dwar jekk il-miżuri proposti humiex il-miżuri x-xierqa. Għandu jikkunsidra, fost l-oħrajn, l-istat preżenti u l-prospetti futuri għall-provvista u d-domanda fis-suq tal-prodotti rilevanti, u għandu jinkludi eżempji li jirriflettu l-aħjar każ li jista' jseħħ, l-aħgar każ li jista' jseħħ u suppożizzjonijiet intermedjarji, kif ukoll l-aspetti li fihom il-kumpanija hija l-aktar b'saħħitha u l-aktar dgħajfa. Dan għandu jgħin lill-kumpanija biex timxi 'il quddiem lejn struttura ġdida li tagħtiha prospetti ta' vijabbiltà fit-tul u li jgħinuha tieqaf fuq saqajha.

Il-pjan għandu jaħseb għal bidla li tgħin lill-kumpanija, wara li jitlestha l-proċess ta' ristrutturatur, biex tkopri l-ispejjeż kollha, inklużi d-deprezzament u l-ispejjeż finanzjarji. Skont il-Linji Gwida S & R, id-dħul mistenni fuq il-kapital għandu jkun biżżejjed biex jippermetti lill-kumpanija ristrutturata biex tikkompeti fis-suq mingħajr bżonn ta' għajjnuna barranija.

Il-pjan ta' ristrutturatur ta' Sementsverksmiðjan hf. kien jikkonsisti f'erba' miżuri differenti:

- Ristrutturatur finanzjarju;
- Ristrutturatur tal-forza tax-xogħol;
- Ristrutturatur tal-ispejjeż tal-produzzjoni;
- Sorsi ta' dħul alternattivi.

### Ristrutturatur finanzjarju

L-awtoritajiet tal-Islanda spjegaw li waħda mill-miżuri prinċipali tal-proċess ta' ristrutturatur kienet li jiġu mnaqqsa d-djun permezz tal-bejgħ tal-assi tal-kumpanija. Matul il-ħarifa tal-2003, Sementsverksmiðjan hf. illikwidat l-assi kollha tagħha li ma kellhomx x'jaqsmu direttament mal-produzzjoni u mat-trasport tas-siment fis-suq tal-Islanda. Bil-flus li daħħlet minn dan il-bejgħ, il-kumpanija rnexxielha tnaqqas d-djun li kellha u rnexxielha għall-inqas tnaqqas it-telf li kien qiegħed isir mill-operat tagħha. Ir-rikavat totali mill-bejgħ tal-assi kien ta' ISK 580 miljun u ntuża biex jitnaqqas dejn fuq medda ta' żmien twil u fuq medda ta' żmien qasir. L-għan ewlieni tal-kumpanija kien li matul il-perjodu ta' ristrutturatur hi tnaqqas l-ispiża kapitali. Il-kumplament tad-djun fuq medda ta' żmien twil imbagħad ġew innegożjati mill-ġdid biex b'hekk il-kumpanija ma tnaqqasx l-ammont prinċipali tas-self għal dawk is-sentejn ta' wara l-bejgħ.

Skont l-informazzjoni li nġhatat, l-aktar parti diffiċli tal-pjan ta' ristrutturatur għall-kumpanija kien in-negożjar mill-ġdid tad-dejn mal-kredituri. Jidher li fl-aħħar tliet snin ta' qabel il-bejgħ, minħabba t-telf li ġarrbet, il-kumpanija kienet żiedet is-self kemm li jitħallas lura fuq medda ta' żmien qasir, kif ukoll dak li jitħallas lura fuq medda ta' żmien twil. Il-kumpanija kienet iffirmit kuntratti ta' self ma' diversi istituzzjonijiet. Dawn l-istituzzjonijiet ta' kreditu qiesu dan is-self mogħti lil Sementsverksmiðjan hf. bħala self akkwistat mill-Istat, u ma kinux lesti li jagħtu aktar kreditu lill-kumpanija meta din ġiet privatizzata qabel ma jitħallsu lura l-ammonti mislufa li kienu għadhom pendenti. Għaldaqstant, il-livelli tad-dejn kellhom jitnaqqsu

b'mod sinifikanti u dan seħħ permezz tal-bejgħ tal-assi li ma kinux bżonnjużi għall-produzzjoni tas-siment u/jew għad-ditribuzzjoni.

L-awtoritajiet tal-Islanda indikaw li "fattur kritiku fin-negożjati [finanzjarji] kien li d-dejn relatat mal-pensjonijiet jitneħħa mill-karta tal-bilanċ tal-kumpanija, biex b'hekk il-kumpanija tkun tista' tipprovdi skeda tal-ħlas lura tad-dejn li tkun vijabbli u kredibbli. Jidher ċar, u dwar dan jaqblu kemm ix-xerrejja kif ukoll il-kredituri, li l-kumpanija ma kinitx tiflaħ tħallas kemm id-dejn relatat mal-pensjonijiet, kif ukoll self ieħor fuq medda ta' żmien twil u qasir, waqt li fl-istess ħin iżżomm il-livell ta' investimenti fissi li hu neċessarju biex il-kumpanija tkompli topera."

It-tneħħija tad-dejn relatat mal-pensjonijiet flimkien ma' ħlas lura parzjali ta' djun oħra kienet parti essenzjali biex tingħata l-approvazzjoni għar-ristrutturatur finanzjarju.

### Ristrutturatur tal-forza tax-xogħol

Fiż-żmien meta sar il-bejgħ, kien hemm 63 ħaddiem jaħdmu ma' Sementsverksmiðjan hf.. Analiżi li saret dwar il-karatteristiċi ekonomiċi tal-impriża u tas-suq li fih kienet attiva wriet li l-forza tax-xogħol kellha titnaqqas b'mill-inqas 20 impjegat. Ta' mill-inqas 41 impjegat kienet meħtieġa biex titħaddem il-fabbrika. Il-kuntratti mal-ħaddiema żejda ġew itterminati, u minħabba li xi wħud mill-ħaddiema kienu ilhom jaħdmu mal-kumpanija għal żmien twil, l-ispejjeż tal-kumpens li kellu jingħata għat-temm tal-kuntratti kienu għoljin.

It-tieni nett, il-kumpanija kellha skema ta' bonus relatata mal-produzzjoni għall-maġġoranza tal-impjegati tagħha. L-ammont li kellu jitqassam bejn l-impjegati kien iffissat b'tali mod li l-ispejjeż tal-bonus tal-produzzjoni jibqgħu l-istess irrispettivament min-numru ta' impjegati. Bdew negożjati mat-trejdjunjin biex dan il-bonus tal-produzzjoni jibda japplika għal kull impjegat biex b'hekk it-tnaqqis fin-numru totali tal-ħaddiema jkun jikkorrispondi mat-tnaqqis fl-ammont globali tal-bonus tal-produzzjoni mħallas.

### Ristrutturatur tal-ispejjeż tal-produzzjoni u sorsi ta' dħul alternattivi

Skont l-awtoritajiet tal-Islanda, l-aktar miżura importanti kienet li jiġu nnegożjati mill-ġdid il-prezzijiet tal-materja prima. Barra minn hekk, sar tibdil fil-kompożizzjoni tas-siment biex jitnaqqsu l-ispejjeż relatati mal-enerġija fil-produzzjoni.

Rigward in-negożjar mill-ġdid tal-prezzijiet tal-materja prima, parti kbira mill-ispejjeż varjabbli tal-operat ta' Sementsverksmiðjan hf. kienu relatati mal-prezzijiet tas-suq internazzjonali/nazzjonali u ma setgħux jinbiddu. Dan ġara fil-każ tal-faħam, l-elettriku, it-trab tas-silika u materji primi oħra. Madanakollu, il-prezz għall-provvista tar-ramel tal-qxur, li hu l-aktar materja prima domestika sinifikanti, seta' jitnaqqas b'[...]%. Il-prezz ta' materji primi domestiċi oħra wkoll seta' jiġi negożjat.

Barra minn hekk, Sementsverksmiðjan hf. kienet bdiet taħraq skart likwidu bħala sors ta' dħul alternattiv u biex tnaqqas l-ispejjeż globali tal-fjuwil.

### Konformità mar-rekwiżiti tar-ristrutturar

Fuq il-bażi tal-miżuri deskritti hawn fuq, l-Awtorità hija tal-fehma li l-pjan ta' ristrutturar għal Sementsverksmiðjan hf. jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Linji Gwida S & R. Il-pjan ta' ristrutturar ddeskriva ċ-ċirkostanzi li wasslu lil Sementsverksmiðjan hf. għad-diffikultajiet finanzjarji tagħha. Sementsverksmiðjan hf. ma kinetx f'pożizzjoni li tiffaċċja l-kompetizzjoni u diffikultajiet ekonomiċi li għadda minnhom is-settur tal-kostruzzjoni fil-bidu tas-snin 2000. Il-pjan kien jikkonsisti f'ristrutturar finanzjarju rigoruż li jkopri l-innegozjar mill-ġdid tad-dejn mal-kredituri u l-assunzjoni mill-awtoritajiet tal-Islanda tal-obbligi relatati mal-pensjonijiet fil-konfront tal-Fond tal-Pensjoni tal-Istat. Ir-ristrutturar finanzjarju kien akkumpanjat minn miżuri ta' ristrutturar fiżiku, li jinkludi r-ristrutturar tal-forza tax-xogħol (it-terminazzjoni ta' kuntratti mal-ħaddiema, l-innegozjar mill-ġdid tal-vantaġġi għall-ħaddiema) u b'mod partikolari, ir-ristrutturar tal-ispejjeż tal-produzzjoni, li kien l-aktar parti tal-pjan li swiet għali. Ġew imnaqqa l-ispejjeż tal-produzzjoni, ġiet mibdula l-kompożizzjoni tas-siment, ġew innegozjati mill-ġdid il-kuntratti mal-fornituri tal-materjal, u inġhata bidu għal inizjattivi tas-suq ġodda biex jiżdied id-dħul. Il-pjan ta' ristrutturar ta' Sementsverksmiðjan hf. Ippeveda li l-kumpanija terġa' ssir vijabbli fi żmien qasir ta' sentejn, li jidher li huwa żmien raġonevoli. Il-pjan issa ġie implimentat b'mod sħiħ u għen lill-kumpanija biex tikkompeti fis-suq bil-ħila tagħha stess. Għal dawn ir-raġunijiet, skont l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet tal-Islanda, l-Awtorità tikkunsidra l-pjan ta' ristrutturar favur Sementsverksmiðjan hf. jikkonforma mar-rekwiżiti tas-Sezzjoni 16.3.2.2(b) tal-Linji Gwida S & R.

#### 3.4.2. Evitar ta' distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni

Is-Sezzjoni 16.3.2.2(c) tal-Linji Gwida S & R teħtieġ li jittieħdu miżuri li kemm jista' jkun itaffu l-effetti negattivi tal-ghajjnuna fuq il-kompetituri. Jekk dan ma jseħħx, l-ghajjnuna titqies li tmur kontra l-interess komuni u li b'hekk mhijiex kumpatibbli mal-iffunzjonar tal-Ftehim taż-ŻEE. Normalment, din il-kondizzjoni ssir f'forma ta' limitazzjoni fuq il-preżenza li l-kumpanija jista' jkollha fis-suq wara li jispiċċa l-perjodu tar-ristrutturar. Meta d-daqs tas-suq relevanti jkun negliġibbli fuq livell taż-ŻEE, jew jekk is-sehem tal-kumpanija fis-suq relevanti jkun negliġibbli, għandu jitqies li m'hemmx distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni.

Skont id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjoni 16.3.2.2(c) tal-Linji Gwida S & R, l-Awtorità għandha tiddetermina l-grad tal-limitazzjoni jew tat-tnaqqis meħtieġa biex jiġi assigurat li m'hemmx distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni skont l-istħarriġ tas-suq li jkun anness mal-pjan ta' ristrutturar, u meta tkun diġà inbdiet il-proċedura, fuq il-bażi tal-informazzjoni li tkun inġhata mill-partijiet interessati.

Fil-każ preżenti, l-Awtorità fetħet il-proċedura ta' investigazzjoni formali f'Diċembru tal-2004 u ġiet estiża sa Novembru 2006. Madanakollu, ma kienx hemm kummenti mill-partijiet interessati li setgħu jipprovdu informazzjoni dwar il-ħtieġa li jiġu imposti miżuri ta' kumpens u dwar l-ammont tagħhom.

Il-Linji Gwida S & R jikkunsidraw b'mod aktar favorevoli dawk l-impriżi li t-tkomplija tal-operat tagħhom aktarx li mhux ser ikollha effetti sinifikanti fuq is-sitwazzjoni kompetittiva fiż-ŻEE. L-awtoritajiet tal-Islanda pprovdew stħarriġ tas-suq dwar Sementsverksmiðjan hf. u s-suq tas-siment fl-Islanda, li huwa l-uniku suq li fih topera l-kumpanija. Skont dan l-istħarriġ, is-suq globali tas-siment fl-Islanda huwa limitat minħabba li hemm popolazzjoni żgħira fil-pajjiż. Hemm żewġ kumpaniji li joperaw fis-suq tas-siment tal-Islanda: Sementsverksmiðjan hf. u Aalborg Portland Ísland hf. Filwaqt li tal-ewwel tipproduċi u tbiegħ siment normali u s-siment bil-fdalijiet tal-metall imdewweb, dik tal-aħħar timporta s-siment mid-Danimarka u tbiegħu fl-Islanda. Fis-sena 2002, il-konsum tas-siment fl-Islanda kien jammonta għal 122 899 tunnellata<sup>(34)</sup>. Fis-sena 2002, il-konsum tas-siment fl-UE kien jammonta għal 217,6 miljun. Għaldaqstant, jista' jingħad li s-sehem tas-suq tal-Islanda fiż-ŻEE huwa negliġibbli.

Barra minn hekk, skont id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjoni 16.1.(3) tal-Linji Gwida S & R, l-ghajjnuna mogħtija għar-ristrutturar tista' titqies bħala ġustifikata mhux biss fuq il-bażi ta' konsiderazzjonijiet tal-politika soċjali u reġjonali iżda wkoll fuq il-bażi tal-objettiv li tinżamm struttura tas-suq kompetittiva meta l-għibien ta' kumpaniji jista' jwassal għal monopolju jew sitwazzjoni stretta ta' oligopolija. Dan hu dak li jiġri fl-Islanda kieku Sementsverksmiðjan hf. kellha tisparixxi mis-suq, u x'aktarx is-suq jispiċċa wieħed b'monopolju fuq is-siment li jiddependi mill-importazzjonijiet magħmula mill-uniku kompetitur fis-suq tas-siment fl-Islanda. Il-fatt li s-suq tas-siment fl-Islanda ġie kkaratterizzat minn monopolju jew oligopolija stretta ta' żewġ operaturi, juri li l-possibiltà u l-attrazzjoni ta' dan is-suq għal operaturi oħra huma limitati ħafna minħabba l-iskop limitat tas-suq u l-possibilitajiet għall-iżvilupp (qiegħda ssir referenza għar-riżultati tal-istħarriġ tas-suq imsemmi hawn fuq).

Għalhekk, l-Awtorità hi tal-fehma li m'hemmx il-ħtieġa li jiġu applikati aktar miżuri biex jillimitaw il-preżenza tal-kumpanija fis-suq.

#### 3.4.3. Ghajjnuna limitata għall-minimu

Skont id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjoni 16.3.2.2(d) tal-Linji Gwida S & R, l-ammont u l-intensità tal-ghajjnuna għandha tiġi limitata għall-minimu meħtieġ biex jiġi assigurat li r-ristrutturar tal-kumpanija jsir fid-dawl tar-riżorsi finanzjarji eżistenti tal-kumpanija, tal-azzjonisti jew tal-grupp tan-negozju li minnu l-kumpanija tiffirma parti. Il-benefiċjarji tal-ghajjnuna huma mistennija jikkontribwixxu għall-pjan ta' ristrutturar b'mod sinifikanti mir-riżorsi tagħhom stess, inkluż mill-bejgħ tal-assi li mhumiex essenzjali għas-sopravivenza tal-kumpanija, jew inkella minn finanzjarj estern bil-kundizzjonijiet tas-suq. Biex jiġi limitat l-effett ta' distorsjoni, id-dispożizzjonijiet tas-Sezzjoni 16.3.2.2(d) tal-Linji Gwida S & R jeħtieġu li l-ammont tal-ghajjnuna jew il-forma li fiha tingħata l-ghajjnuna jkun tali li ma jipprovdi lill-kumpanija bi flus żejda li jistgħu jintużaw għal attivitajiet aggressivi li jfixklu s-suq u li mhumiex konnessi mal-proċess ta' ristrutturar.

<sup>(34)</sup> 38,215 tunnellata siment kienu importati lejn l-Islanda u 84,684 tunnellata ġew immanifatturati fil-pajjiż.

Skont il-Linji Gwida S & R, wara r-ristrutturar, l-Awtorità għandha teżamina l-livell tal-obbligi tal-kumpanija, inkluż wara kwalunkwe posponiment jew tnaqqis tad-djun tagħha. L-Awtorità għandha teżamina wkoll jekk xi parti mill-ghajjnuna mogħtija tintużax biex jiġi ffinanzjat xi investment ġdid li mhux essenzjali biex l-kumpanija terġa' ssir vijabbli. Fi kwalunkwe każ, irid jiġi ppruvat li l-ghajjnuna se tintuża biss biex il-kumpanija terġa' ssir vijabbli u li matul il-perjodu tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar, l-ghajjnuna mogħtija ma tgħinx lill-kumpanija benefiċjarja biex tespandi l-kapaċità tal-produzzjoni, ħlief sa fejn dan ikun essenzjali biex il-kumpanija terġa' ssir vijabbli u mingħajr ma jkun hemm distorsjoni bla bżonn tal-kompetizzjoni.

Parti fundamentali tar-ristrutturar ta' Sementsverksmiðjan hf. kienet tikkonsisti fil-bejgħ ta' assi li ma kinux essenzjali għas-sopravivenza tal-kumpanija, bħall-art u l-bini kif ukoll l-ishma u l-bonds f'impriżi oħra li l-kumpanija setgħet tbiegħ biex iġġib il-

flus biex tħallas id-djun tagħha. Barra minn hekk, id-djun tal-kumpanija tħallsu lura sa fejn kien possibbli ġew innegożjati mill-ġdid biex jiġi ffaċilitat ir-rimbors tagħhom sabiex il-kumpanija tkun tista' tkompli topera. L-ispejjeż u l-istrutturi tal-forza tax-xogħol u tal-produzzjoni ġew strukturati mill-ġdid u ffinanzjati bil-mezzi tal-kumpanija stess. L-uniku intervent li sar mill-Istat kien meta l-Istat assumo d-djun ta' Sementsverksmiðjan hf. relatati mal-pensjonijiet li kienu jammontaw għal bejn wieħed u ieħor ISK 425 million. Dan ġie kkuensidrat bħala *conditio sine qua non* għall-kredituri tal-kumpanija biex ir-ristrutturar tal-kumpanija jkun fattibbli. Għaldaqstant, l-Awtorità tikkonkludi li l-ghajjnuna mogħtija mit-Teżor kienet ristretta għall-minimu possibbli peress li t-Teżor kellu x'jaqsam biss mal-proċess li permezz tiegħu l-Istat tal-Islanda assumo d-dejn li Sementsverksmiðjan hf. kellha mal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat.

L-ispejjeż tar-ristrutturar jistgħu jingħabru fil-qosor skont kif ġej:

(a) negożjati mill-ġdid mal-kredituri	ISK 10 811 853 ISK 2 648 904 (ħlas biex isir ir-ristrutturar finanzjarju)
(b) ristrutturar tal-forza tax-xogħol	ISK 19 098 479 ISK 2 702 963 (ħlas biex isir ir-ristrutturar tal-forza tax-xogħol)
(c) ristrutturar fl-ispejjeż tal-produzzjoni u fis-sorsi ta' dħul alternattivi	ISK 1 018 200 000
(d) stima mill-ġdid tal-assi	ISK 511 856 488

L-Awtorità hi tal-fehma li l-parteċipazzjoni tal-Istat tal-Islanda fir-ristrutturar ta' Sementsverksmiðjan hf. billi assumo d-djun li l-kumpanija kellha mal-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat tikkostitwixxi element fundamentali għat-tweqqif tar-ristrutturar ta' Sementsverksmiðjan hf.. Il-fatt li l-Istat assumo d-djun relatati mal-pensjonijiet, kien ikkuensidrat mill-kredituri tal-kumpanija bħala kondizzjoni preliminari biex jiġu nnegożjati mill-ġdid id-djun u obbligi oħra. Din l-ghajjnuna mill-Istat ippermettiet li Sementsverksmiðjan hf. tikseb ir-riżorsi meħtieġa biex tiffinanzja l-miżuri purament ta' ristrutturar.

Għalkemm l-assunzjoni tal-obbligi relatati mal-pensjonijiet ma kinix spiża għal Sementsverksmiðjan iżda għall-Istat, dan għandu jiġi nkluż fl-ewalazzjoni globali tar-ristrutturar ta' Sementsverksmiðjan hf. L-ghajjnuna kienet meħtieġa biex jitwettqu d-diversi miżuri ta' ristrutturar. Filwaqt li tikkunsidra dan u fid-dawl tan-nefqa meħtieġa biex Sementsverksmiðjan hf. terġa' ssir vijabbli, l-Awtorità hi tal-fehma li l-ammont ta' ghajjnuna mogħtija fil-proċess ta' ristrutturar kien limitat għall-minimu rikjest.

#### 3.4.4. Ghajjnuna għar-ristrutturar ta' żoni meħjuna

Skont is-Sezzjoni 16.3.2.5 tal-Linji Gwida S & R, l-Awtorità għandha tikkunsidra l-ħtiġijiet ta' żvilupp reġjonali meta tevalwa

l-ghajjnuna ta' ristrutturar f'żoni meħjuna. Fiż-żoni meħjuna, il-kondizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-ghajjnuna jistgħu jkunu inqas stretti fir-rigward, b'mod speċjali, tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kumpens. Madanakollu, dan ma jfissirx li l-Awtorità tadotta kriterju laxk fir-rigward ta' ghajjnuna għar-ristrutturar ta' kumpaniji fi stat finanzjarju ħażin li jinsabu f'żoni meħjuna sabiex tgħin lir-reġjun jappoġġa lill-kumpaniji b'mod artifiċjali. Għall-kuntarju, huwa fl-interess tar-reġjun stess li, kemm jista' jkun malajr, jiżviluppa attivitajiet alternattivi li huma vijabbli u sostenibbli.

Il-fabbrika ta' Sementsverksmiðjan hf. tinsab f'Akranes, fir-reġjun tal-Punent nofsani tal-Islanda. Din iż-żona tinsab fil-Mappa tal-Ghajjnuna Reġjonali tal-Islanda, kif approvata mill-Awtorità b'Deċiżjoni Nru 253/01/COL tat-8 ta' Awwissu 2001. Iż-żona hija kkaratterizzata minn rata ta' qgħad li hi oġġla mill-medja nazzjonali, u min-nuqqas ta' popolazzjoni fiż-żona. Il-fabbrika tas-siment ilha f'Akranes mill-1958 u kellha rwol importanti fl-ekonomija ta' dik iż-żona. F'belt fejn il-popolazzjoni hi ta' bejn wieħed u ieħor ta' 5 500 resident, jekk tagħlaq il-fabbrika, tħalli effett negattiv ħafna li jkompli jżid mal-fatt li l-popolazzjoni taż-żona qiegħda dejjem tonqos u li f'din iż-żona l-aspett soċjali u ekonomiku qeġħdin dejjem imorru lura.

### 3.4.5. Implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' ristrutturar

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida S & R, il-kumpanija trid timplimenta b'mod sħiħ l-pjan ta' ristrutturar li ġie approvat mill-Awtorità, u għandha tonora kull obbligu ieħor stabbilit fid-Deċiżjoni tal-Awtorità<sup>(35)</sup>. L-Awtorità tqis kwalunkwe nuqqas fl-implimentazzjoni tal-pjan jew fit-tweqqiq tal-obbligi l-oħra bħala użu ħażin tal-għajjnuna.

Din hija l-iskeda prevista għall-pjan ta' ristrutturar:

Miżura	Il-bidu tar-ristrutturar	It-tlestija tar-ristrutturar
Miżuri ta' ristrutturar finanzjarju (in-negozjar u l-ħlas lura tad-djun mal-istituzzjonijiet ta' kreditu, il-proċess li permezz tiegħu l-Istat assumu l-obbligi relatati mal-pensjonijiet)	Settembru 2003	Ottubru 2003
Ristrutturar tal-forza tax-xogħol (tkeċċija ta' ħaddiema, innegozjar mill-ġdid mat-trejdjunjins)	Ottubru 2003	April 2004
Ristrutturar tal-ispejjeż tal-produzzjoni (innegozjar mill-ġdid tal-prezzijiet mal-fornituri, dħul alternattiv u tnaqqis tal-ispejjeż)	Ottubru 2003	Diċembru 2004

Il-pjan ta' ristrutturar ppreveda li l-kumpanija tagħmel profitt wara li jitlesta l-proċess ta' ristrutturar f'Lulju tal-2005. L-awtoritajiet tal-Islanda infurmaw lill-Awtorità li Sementsverksmiðjan hf. kienet wettqet il-pjan ta' ristrutturar u li kienet kapaċi tilħaq punt fejn ma tagħmilx telf anke fl-2005. Minn Ġunju 2003 sa Mejju 2004, Sementsverksmiðjan hf. ġarrbet telf ta' ISK 83 miljun, meta mqabbel mat-telf ta' ISK 250 miljun li ġarrbet fl-2002. Minn Ġunju tal-2004 sa Mejju tal-2005, il-kumpanija għamlet profitt ta' ISK 22 miljun.

Skont din l-informazzjoni, jidher li l-pjan ta' ristrutturar ta' Sementsverksmiðjan hf. kien mill-iqsar possibbli, u rnexxielu jerġa' jgħib lill-kumpanija vijabbli f'perjodu ta' żmien raġonevoli, u għaldaqstant kien ibbażat fuq suppożizzjonijiet realistiki dwar il-kondizzjonijiet tal-operat fil-futur.

### 3.4.6. Monitoraġġ u r-rapport annwali

L-Awtorità trid tkun f'pożizzjoni li tassigura li l-pjan ta' ristrutturar ikun ġie implimentat kif suppost. Normalment dan isir permezz ta' rapporti regolari ddettaljati mibgħuta mill-Istat tal-EFTA lill-Awtorità. tlesta malli ġie stabbilit li l-kumpanija saret vijabbli. M'hemm l-ebda miżura ta' ristrutturar pendenti għaliex kollha ġew konklużi b'suċċess. Għaldaqstant, f'dan il-każ, m'hemm għalfejn isiru rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ristrutturar.

<sup>(35)</sup> Fil-prinċipju, il-pjan ta' ristrutturar kellu jġi sottomess sħiħ flimkien man-notifika qabel ma nġatat l-għajjnuna. Fil-każ preżenti, il-pjan ma kienx sottomess minn abel, iżda l-elementi prinċipali tal-pjan ta' ristrutturar ġew ippreżentati qabel ma sar ir-ristrutturar. Għaldaqstant, l-Awtorità hi tal-fehma li l-pjan jista' jġi approvat taħt il-Linji Gwida S&R.

### 3.5 IL-KONDIZZJONI TA' "PROĊESS TA' DARBA, GĦALL-AĦĦAR DARBA"

Biex jiġi evitat li xi kumpaniji jingħataw l-għajjnuna b'mod mhux ġust, l-għajjnuna għar-ristrutturar għandha tingħata darba biss. Meta jkun innotifikat lill-Awtorità l-fatt li ġie pjanat li tingħata għajjnuna għar-ristrutturar, is-Sezzjoni 16.3.2.3. tal-Linji Gwida S & R teħtieġ li l-Istat tal-EFTA jispeċifika jekk il-kumpanija kkonċernata qattx irċeviet għajjnuna għar-ristrutturar fil-passat, inkluża għajjnuna mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Linji Gwida S & R u għajjnuna mhux innotifikata.

L-awtoritajiet tal-Islanda ddiċjaraw li l-kondizzjoni ta' "proċess ta' darba, għall-aħħar darba" ġiet issodisfata. Sqarru wkoll li l-kumpanija ma rċeviet ebda għajjnuna qabel u li m'hemm pjanijiet biex il-kumpanija tingħata iżjed għajjnuna fil-futur.

### 4. KONKLUŻJONI

Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, l-Awtorità hija tal-fehma li l-għajjnuna li nġatat lil Sementsverksmiðjan hf. b'konnessjoni mal-assunzjoni mill-Istat tal-Islanda tad-djun tal-kumpanija relatati mal-pensjonijiet tikkostitwixxi għajjnuna ta' ristrutturar li hija kumpatibbli mal-iffunzjonar tal-Ftehim taż-ŻEE fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Linji Gwida dwar l-Għajjnuna għas-Salvataġġ jew ir-Ristrutturar ta' Kumpanija, li kienu applikabbli fiż-żmien meta nġatat l-għajjnuna.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

L-assunzjoni mill-Istat tal-obbligi tal-pensjonijiet li Sementsverksmiðjan hf. kellha lejn il-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat tikkonsisti f'għajjnuna mill-Istat fl-ambitu tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim taż-ŻEE.

*Artikolu 2*

L-ghajjnuna msemija fl-Artikolu 1 hija kumpatibbli mal-iffunzjonar tal-Ftehim taż-ŻEE, u dan skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE flimkien mal-Linji Gwida dwar l-Ghajjnuna għas-Salvataġġ jew ir-Ristrutturar ta' Kumpanija li ġew adottati mill-Awtorità fl-1999.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Islanda.

*Artikolu 4*

Il-verżjoni Ingliża biss hija awtentika.

Magħmula fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2008.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,*

Per SANDERUD  
*President*

Kristján Andri STEFÁNSSON  
*Membri tal-Kulleġġ*